# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 348

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 59

21 ta' Diċembru 2016

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2342 tat-12 ta' Diċembru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea** ..... 1

**Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Vjetnam min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea** ..... 3

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2343 tal-14 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIII minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 7

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2344 tal-14 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' fiż-żoni VIIh, VIIj u VIIk minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza** ..... 9

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2345 tal-14 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 262/2009 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1079/2012 fir-rigward tar-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-ICAO** (1) ..... 11

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2346 tal-20 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 13

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2347 tal-20 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 539/2007 fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd ..... 15

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2348 tal-20 ta' Diċembru 2016 li jiffissa l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 536/2007 għal-laħam tat-tjur li ġej mill-Istati Uniti tal-Amerika ..... 17

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2349 tal-20 ta' Diċembru 2016 li jiddetermina l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2077 għall-bajd, il-prodotti tal-bajd u l-albumina li joriġinaw mill-Ukrajna ..... 19

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2350 tal-20 ta' Diċembru 2016 li jiddetermina l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1384/2007 għal-laħam tat-tjur li joriġina fl-Iżrael ..... 21

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2351 tal-20 ta' Diċembru 2016 li jistipula l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwoti tarrifarji miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 442/2009 fis-settur tal-laħam tal-majjal ..... 23

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/2352 tas-7 ta' Diċembru 2016 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2016/939 (EUTM Mali/2/2016)** ..... 25

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/2353 tat-8 ta' Diċembru 2016 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill** ..... 27

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2354 tat-12 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-modifika tal-Anness XI-B ta' dak il-Ftehim** ..... 30

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2355 tat-12 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' arbitri** ..... 56

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2356 tad-19 ta' Diċembru 2016 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC rigward id-diżarm u l-kontroll tal-armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' SALW u l-munizzjon tagħhom** ..... 60

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2357 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar in-nuqqas ta' konformità effettiva mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċertifikati maħruġin mill-akkademja Ellenika tat-taħriġ fil-qasam tal-avjazzjoni msejħa "Hellenic Aviation Training Academy" (HATA) u ma' liċenzji tal-Parti-66 maħruġin abbażi ta' dawn iċ-ċertifikati** *(notifikata bid-dokument C(2016) 8645)* ..... 72

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2358 tal-20 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi u territorji terzi li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji tagħhom jitqiesu bħala ekwivalenti għall-finijiet tat-trattament ta' skoperturi skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (1) ..... 75

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2359 tal-20 ta' Diċembru 2016 li tiddetermina li s-sospensjoni temporanja tad-dazju doganali preferenzjali stabbilita skont il-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, mhix xierqa għall-importazzjonijiet tal-banana li toriġina min-Nikaragwa għas-sena 2016** ............... 81

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/2342

**tat-12 ta' Diċembru 2016**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/717/UE ([2]), il-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll") ġie ffirmat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.

(2) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, qiegħed b'dan jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat jinnomina lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 4(1) tal-Protokoll.

([1]) Kunsens tas-17 ta' Diċembru 2015 (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/717/UE tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 300, 18.10.2014, p. 1).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

# PROTOKOLL

## għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Vjetnam min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

Ir-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

Ir-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Istati Membri", irrappreżentati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u

L-UNJONI EWROPEA, minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Unjoni Ewropea",

min-naħa l-waħda, u

IR-REPUBBLIKA SOĊJALISTA TAL-VJETNAM, minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Vjetnam",

min-naħa l-oħra,

minn issa 'l quddiem imsejħa b'mod konġunt "il-Partijiet Kontraenti" għall-għanijiet ta' dan il-Protokoll,

WARA LI KKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013,

BILLI l-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Ftehim" ġie ffirmat fi Brussell fis-27 ta' Ġunju 2012;

BILLI t-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"Trattat ta' Adeżjoni", ġie ffirmat fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2011;

BILLI, skont l-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni, tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tagħha mal-Ftehim għandha tiġi miftiehma bil-konklużjoni ta' protokoll mal-Ftehim;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika tal-Kroazja b'dan qed taderixxi bħala Parti għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fis-27 ta' Ġunju 2012, u għandha tadotta u tieħu nota rispettivament, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea, tat-testi tal-Ftehim, kif ukoll tad-Dikjarazzjonijiet tiegħu.

*Artikolu 2*

Fi żmien debitu wara l-inizjalar ta' dan il-Protokoll, l-Unjoni Ewropea għandha tikkomunika lill-Istati Membri tagħha u lir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam il-verżjoni tal-Ftehim bil-lingwa Kroata. Soġġetta għad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, il-verżjoni tal-lingwa msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan l-Artikolu għandha ssir awtentika bl-istess kundizzjonijiet tal-verżjonijiet bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana, Ungeriża u Vjetnamita tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim.

*Artikolu 4*

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat mill-Unjoni Ewropea, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri u mill-Vjetnam skont il-proċeduri tagħhom. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal dan l-għan. L-istrumenti ta' approvazzjoni għandhom jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta' approvazzjoni, iżda mhux qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

*Artikolu 5*

Dan il-Protokoll huwa abbozzat f'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana, Ungeriża u Vjetnamita, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji ffirmati hawn taħt, mogħtija s-setgħa għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Protokoll.

Съставено в Брюксел на деветнадесети ноември две хиляди и четиринадесета година.

Hecho en Bruselas, el diecinueve de noviembre de dos mil catorce.

V Bruselu dne devatenáctého listopadu dva tisíce čtrnáct.

Udfærdiget i Bruxelles den nittende november to tusind og fjorten.

Geschehen zu Brüssel am neunzehnten November zweitausendvierzehn.

Kahe tuhande neljateistkümnenda aasta novembrikuu üheksateistkümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις δέκα εννέα Νοεμβρίου δύο χιλιάδες δεκατέσσερα.

Done at Brussels on the nineteenth day of November in the year two thousand and fourteen.

Fait à Bruxelles, le dix-neuf novembre deux mille quatorze.

Sastavljeno u Bruxellesu devetnaestog studenoga dvije tisuće četrnaeste.

Fatto a Bruxelles, addì diciannove novembre duemilaquattordici.

Briselē, divi tūkstoši četrpadsmitā gada deviņpadsmitajā novembrī.

Priimta du tūkstančiai keturioliktų metų lapkričio devynioliktą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizennegyedik év november havának tizenkilencedik napján.

Magħmul fi Brussell, fid-dsatax-il jum ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax.

Gedaan te Brussel, de negentiende november tweeduizend veertien.

Sporządzono w Brukseli dnia dziewiętnastego listopada roku dwa tysiące czternastego.

Feito em Bruxelas, em dezanove de novembro de dois mil e catorze.

Întocmit la Bruxelles la nouăsprezece noiembrie două mii paisprezece.

V Bruseli devätnásteho novembra dvetisícštrnásť.

V Bruslju, dne devetnajstega novembra leta dva tisoč štirinajst.

Tehty Brysselissä yhdeksäntenätoista päivänä marraskuuta vuonna kaksituhattaneljätoista.

Som skedde i Bryssel den nittonde november tjugohundrafjorton.

Làm tại Brúc-xen, ngày 19 tháng 11 năm 2014.

За държавите-членки
Por los Estados miembros
Za členské státy
For medlemsstaterne
Für die Mitgliedstaaten
Liikmesriikide nimel
Για τα κράτη μέλη
For the Member States
Pour les États membres
Za države članice
Per gli Stati membri
Dalībvalstu vārdā –
Valstybių narių vardu
A tagállamok részéről
Għall-Istati Membri
Voor de lidstaten
W imieniu Państw Członkowskich
Pelos Estados-Membros
Pentru statele membre
Za členské štáty
Za države članice
Jäsenvaltioiden puolesta
För medlemsstaterna
Các Quốc gia Thành viên

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen
Liên Minh Châu Âu

За Социалистическа Република Виетнам
Por la República Socialista de Vietnam
Za Vietnamskou Socialistickou Republiku
For den Socialistiske Republik Vietnam
Für die Sozialistische Republik Vietnam
Vietnami Sotsialistliku Vabariigi nimel
Για τη Σοσιαλιστική Δημοκρατία του Βιετνάμ
For the Socialist Republic of Viet Nam
Pour la République socialiste du Viêt Nam
Za Socijalističku Republiku Vijetnam
Per la Repubblica Socialista del Vietnam
Vjetnamas Sociālistiskās Republikas vārdā –
Vietnamo Socialistinės Respublikos vardu
A Vietnami Szocialista Köztársaság részéről
Għar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam
Voor de Socialistische Republiek Vietnam
W imieniu Socjalistycznej Republiki Wietnamu
Pela República Socialista do Vietname
Pentru Republica Socialistă Vietnam
Za Vietnamskú Socialistickú Republiku
Za Socialistično Republiko Vietnam
Vietnamin Sosialistisen Tasavallan puolesta
För Socialistiska Republiken Vietnam
Cộng hòa Xã hội Chủ nghĩa Việt Nam

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2343

## tal-14 ta' Diċembru 2016

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIII minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2016.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2016.

(3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2016 għandha titqies eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi fl-Anness jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li xi ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti jinżamm abbord, jiġi rilokat, jiġi trażbordat jew jinħatt l-art wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 tat-22 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/104 (ĠU L 22, 28.1.2016, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

João AGUIAR MACHADO

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 41/TQ72 |
| Stat Membru | Spanja |
| Stokk | RJU/8-C. |
| Speċi | Raja ondjata *(Raja undulata)* |
| Żona | L-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIII |
| Data tal-għeluq | 5.12.2016 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2344

## tal-14 ta' Diċembru 2016

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' fiż-żoni VIIh, VIIj u VIIk minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza

IL-KUMMISSJONI EWROPEA.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2016.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2016.

(3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2016 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti jinżamm abbord, jiġi rilokat, jiġi trażbordat jew jinħatt l-art wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 tat-22 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/104 (ĠU L 22, 28.1.2016, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

João AGUIAR MACHADO

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

*ANNESSI*

| | |
|---|---|
| Nru | 37/TQ72 |
| Stat Membru | Franza |
| Stokk | PLE/7HJK. |
| Speċi | Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) |
| Żona | VIIh, VIIj u VIIk |
| Data tal-għeluq | 14.11.2016 |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2345**

**tal-14 ta' Diċembru 2016**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 262/2009 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1079/2012 fir-rigward tar-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-ICAO**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 262/2009 ([2]) jirreferi għad-diversi dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Volum III u fil-Volum IV tal-Anness 10 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, u aktar speċifikament għall-Volum III, l-Ewwel Edizzjoni li tinkorpora l-Emenda Nru 79, u l-Volum IV, it-Tielet Edizzjoni li tinkorpora l-Emenda Nru 77. Mill-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 262/2009, l-ICAO emendat għadd ta' dispożizzjonijiet tal-Anness 10 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, l-aktar reċenti l-Volum III, it-Tieni Edizzjoni li tinkorpora l-Emenda Nru 90, u l-Volum IV, il-Ħames Edizzjoni li tinkorpora l-Emenda Nru 89. Għalhekk, jenħtieġ li r-referenzi fir-Regolament (KE) Nru 262/2009 għall-Anness 10 tal-Konvenzjoni ta' Chicago jiġu aġġornati sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi legali internazzjonali tagħhom u jiżguraw konsistenza mal-qafas regolatorju internazzjonali tal-ICAO.

(2) L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1079/2012 ([3]) jirreferi għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Volum III tal-Anness 10 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, u aktar speċifikament għall-Volum III, it-Tieni Edizzjoni li tinkorpora l-Emenda Nru 85. Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1079/2012, l-ICAO emendat għadd ta' dispożizzjonijiet tal-Anness 10 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, l-aktar reċenti kienet inkorporata l-Emenda Nru 90 fil-Volum III, it-Tieni Edizzjoni. L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1079/2012 jirreferi wkoll għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-PANS-ATM tal-ICAO (id-Dokument 4444), u aktar speċifikament għall-15-il edizzjoni tal-2007 li tinkorpora l-Emenda Nru 2. Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1079/2012, l-ICAO emendat għadd ta' dispożizzjonijiet tad-Dokument 4444, u l-aktar reċenti kienet inkorporata l-Emenda Nru 6. Għalhekk, jenħtieġ li r-referenzi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1079/2012 għall-Anness 10 tal-Konvenzjoni ta' Chicago u għad-Dokument 4444 jiġu aġġornati sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi legali internazzjonali tagħhom u jiżguraw konsistenza mal-qafas regolatorju internazzjonali tal-ICAO.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 262/2009 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1079/2012 għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

It-test tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 262/2009 huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"Id-dispożizzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili msemmija fl-Artikolu 3(1) u fl-Anness III punt (2)**

1. Il-Kapitolu 3 'Sistemi ta' sorveljanza', it-Taqsima 3.1.2.5.2.1.2. 'IC: Il-Kodiċi tal-interrogatur' tal-Anness 10 tal-ICAO 'Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi', il-Volum IV 'Sistemi ta' Sorveljanza u l-Evitar tal-Kolliżjoni' (il-Ħames Edizzjoni, Lulju 2014, li tinkorpora l-Emenda Nru 89).

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 262/2009 tat-30 ta' Marzu 2009 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-allokazzjoni koordinata u għall-użu ta' kodiċijiet tal-interrogatur Mode S għall-ajru uniku Ewropew (ĠU L 84, 31.3.2009, p. 20).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1079/2012 tas-16 ta' Novembru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti ta' spazjar bejn il-kanali ta' komunikazzjoni vokali għall-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L 320, 17.11.2012, p. 14).

2. Il-Kapitolu 5, 'SSR Mode S Kollegament tad-Dejta bejn l-Ajru u l-Art', it-Taqsima 5.2.9 'Ir-rapport fuq il-kapaċità tal-kollegament tad-dejta' tal-Anness 10 tal-ICAO 'Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi', il-Volum III 'Sistemi ta' Komunikazzjoni' (it-Tieni Edizzjoni, Lulju 2007, li tinkorpora l-Emenda Nru 90)".

*Artikolu 2*

It-test tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1079/2012 huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"Dispożizzjonijiet tal-ICAO msemmija fl-Artikoli 4 u 8**

1. Il-Kapitolu 2 'Servizz Mobbli Ajrunawtiku', it-Taqsima 2.1 'Karatteristiċi tas-sistema ta' komunikazzjoni VHF mill-ajru għall-art' u t-Taqsima 2.2 'Karatteristiċi tas-sistema tal-installazzjonijiet fuq l-art' tal-Anness 10 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, il-Parti 2 tal-Volum III (it-Tieni Edizzjoni — Lulju 2007 li tinkorpora l-Emenda Nru 90).

2. Il-Kapitolu 2 'Servizz Mobbli Ajrunawtiku', it-Taqsima 2.1 'Karatteristiċi tas-sistema ta' komunikazzjoni VHF mill-ajru għall-art', it-Taqsima 2.3.1 'Funzjoni ta' trażmissjoni' u t-Taqsima 2.3.2 'Funzjoni ta' riċeviment' bl-esklużjoni tas-sottotaqsima 2.3.2.8 "VDL — Rendiment ta' Immunità għal Interferenza" tal-Anness 10 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, il-Parti 2 tal-Volum III (it-Tieni Edizzjoni — Lulju 2007 li tinkorpora l-Emenda Nru 90).

3. It-Taqsima 12.3.1.5 'Spazjar tal-kanali 8,33 kHz' tad-Dokument 4444 PANS-ATM tal-ICAO (il-15-il Edizzjoni — 2007 li tinkorpora l-Emenda Nru 6)."

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2346

## tal-20 ta' Diċembru 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 99,7 |
| | SN | 241,4 |
| | TN | 269,5 |
| | TR | 108,7 |
| | ZZ | 179,8 |
| 0707 00 05 | MA | 72,8 |
| | TR | 155,8 |
| | ZZ | 114,3 |
| 0709 93 10 | MA | 233,1 |
| | TR | 143,1 |
| | ZZ | 188,1 |
| 0805 10 20 | IL | 126,4 |
| | TR | 71,7 |
| | ZZ | 99,1 |
| 0805 20 10 | MA | 72,1 |
| | ZZ | 72,1 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | IL | 113,5 |
| | JM | 129,1 |
| | MA | 74,5 |
| | TR | 75,0 |
| | ZZ | 98,0 |
| 0805 50 10 | AR | 76,7 |
| | TR | 81,8 |
| | ZZ | 79,3 |
| 0808 10 80 | US | 132,4 |
| | ZZ | 132,4 |
| 0808 30 90 | CN | 101,3 |
| | ZZ | 101,3 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2347

## tal-20 ta' Diċembru 2016

## li jistabbilixxi l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 539/2007 fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 188(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 539/2007 ([2]) fetaħ kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sat-31 ta' Marzu 2017 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jixraq li jiġu stabbiliti l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, u li dawn jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(3) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 539/2007, li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017, huma mogħtija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 539/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 19).

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017<br>(f'piż ekwivalenti għall-bajd bil-qoxra f'kg) |
|---|---|
| 09.4015 | 108 000 000 |
| 09.4401 | 3 899 810 |
| 09.4402 | 11 625 000 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2348

## tal-20 ta' Diċembru 2016

## li jiffissa l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 536/2007 għal-laħam tat-tjur li ġej mill-Istati Uniti tal-Amerika

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 536/2007 ([2]) fetaħ kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li ġejjin mill-Istati Uniti tal-Amerika.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, u li dawn jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(3) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 536/2007, li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017, huma mogħtija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 536/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwota tariffarja għal-laħam tat-tjur allokata għall-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 6).

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 (f'kg) |
|---|---|
| 09.4169 | 16 008 750 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2349

## tal-20 ta' Diċembru 2016

## li jiddetermina l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2077 għall-bajd, il-prodotti tal-bajd u l-albumina li joriġinaw mill-Ukrajna

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2077 ([2]) fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-bajd u tal-albumina li joriġinaw mill-Ukrajna.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet tal-liċenzji ta' importazzjoni mressqa mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 huma anqas mill-kwantitajiet disponibbli. Jixraq, għalhekk, li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, u li dawn jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(3) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2077, li għandhom jiżdiedu mas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017, jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2077 tat-18 ta' Novembru 2015 li jiftaħ u fih previst l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni fuq l-importazzjoni ta' bajd, prodotti tal-bajd u albumina li joriġinaw fl-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 57).

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017<br>(f'piż ekwivalenti għall-bajd bil-qoxra f'kg) |
|---|---|
| 09.4275 | 405 000 |
| 09.4276 | 750 000 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2350

## tal-20 ta' Diċembru 2016

## li jiddetermina l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1384/2007 għal-laħam tat-tjur li joriġina fl-Iżrael

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 ([2]) fetaħ il-kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw fl-Iżrael.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet tal-liċenzji ta' importazzjoni mressqa mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, biex dawn jiżdiedu mal-kwantità stipulata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti tal-miżura, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1384/2007, li għandhom jiżdiedu għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017, jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 tas- 26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2398/96 rigward il-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti li jirrigwardaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw fl-Iżrael (ĠU L 309, 27.11.2007, p. 40).

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 (f'kg) |
|---|---|
| 09.4091 | 140 000 |
| 09.4092 | 1 000 000 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2351

## tal-20 ta' Diċembru 2016

## li jistipula l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwoti tarrifarji miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 442/2009 fis-settur tal-laħam tal-majjal

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 442/2009 ([2]) fetaħ kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tal-majjal. Il-kwoti li jidhru fl-Anness I, il-parti B tar-Regolament imsemmi huma amministrati skont il-metodu tal-eżami simultanju.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jixraq li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, u li dawn jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(3) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 442/2009, li għandhom jiżdiedu mas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017, jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 442/2009 tas-27 ta' Mejju 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tal-majjal (ĠU L 129, 28.5.2009, p. 13).

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 (f'kg) |
|---|---|
| 09.4038 | 25 848 750 |
| 09.4170 | 3 691 500 |
| 09.4204 | 3 468 000 |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/2352

**tas-7 ta' Diċembru 2016**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2016/939 (EUTM Mali/2/2016)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2013/34/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti rigward il-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-EUTM Mali, inklużi d-deċiżjonijiet li jinħatru l-Kmandanti sussegwenti tal-Missjoni tal-UE.

(2) Fit-8 ta' Ġunju 2016, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/939 ([2]) biex ħatar lill-Brigadier Ġeneral Eric HARVENT bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Mali.

(3) Il-Belġju rrakkomanda l-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Peter DEVOGELAERE bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Mali biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Eric HARVENT mid-19 ta' Diċembru 2016.

(4) Fil-31 ta' Ottubru 2016, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa r-rakkomandazzjoni.

(5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/939 għandha għalhekk titħassar.

(6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Brigadier Ġeneral Peter DEVOGELAERE huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) mid-19 ta' Diċembru 2016.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/939 hija b'dan imħassra.

---

([1]) ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19.

([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/939 tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/2298 (EUTM Mali/1/2016) (ĠU L 155, 14.6.2016, p. 25).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Diċembru 2016.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2016/2353

## tat-8 ta' Diċembru 2016

## li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ([1]),

Billi:

(1) Mill-1 ta' Novembru 2014, meta jkun meħtieġ li att jiġi adottat mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu jiġi verifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

(2) Sal-31 ta' Marzu 2017, meta jkun meħtieġ li att jiġi adottat mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, membru tal-Kunsill jista' jitlob li dan jiġi adottat f'konformità mal-maġġoranza kwalifikata kif definita fl-Artikolu 3(3) tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. F'dak il-każ, membru tal-Kunsill jista' jitlob li ssir verifika biex jiġi żgurat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 62 % tat-total tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

(3) Dawk il-perċentwali jiġu kkalkolati skont iċ-ċifri tal-popolazzjoni stipulati fl-Anness III mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ("ir-Regoli ta' Proċedura").

(4) L-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura jipprevedi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jemenda ċ-ċifri stipulati f'dak l-Anness, f'konformità mad-data disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel.

(5) Għaldaqstant, ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiġu emendati kif meħtieġ għas-sena 2017,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS III*

**Ċifri li jirrigwardaw il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill**

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(4) tat-TUE u tal-Artikolu 238(2) u (3) tat-TFUE, kif ukoll, sal-31 ta' Marzu 2017, tal-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Nru 36, il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru, kif ukoll il-perċentwal tal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru relattivament għall-popolazzjoni tal-Unjoni, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017, għandhom ikunu kif ġej:

| Stat Membru | Popolazzjoni | Perċentwal tal-popolazzjoni tal-Unjoni |
|---|---|---|
| Ġermanja | 82 064 489 | 16,06 % |
| Franza | 66 661 621 | 13,05 % |

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

| Stat Membru | Popolazzjoni | Perċentwal tal-popolazzjoni tal-Unjoni |
|---|---|---|
| Renju Unit | 65 341 183 | 12,79 % |
| Italja | 61 302 519 | 12,00 % |
| Spanja | 46 438 422 | 9,09 % |
| Polonja | 37 967 209 | 7,43 % |
| Rumanija | 19 759 968 | 3,87 % |
| Netherlands | 17 235 349 | 3,37 % |
| Belġju | 11 289 853 | 2,21 % |
| Greċja | 10 793 526 | 2,11 % |
| Repubblika Ċeka | 10 445 783 | 2,04 % |
| Portugall | 10 341 330 | 2,02 % |
| Ungerija | 9 998 000 | 1,96 % |
| Żvezja | 9 830 485 | 1,92 % |
| Awstrija | 8 711 500 | 1,71 % |
| Bulgarija | 7 153 784 | 1,40 % |
| Danimarka | 5 700 917 | 1,12 % |
| Finlandja | 5 465 408 | 1,07 % |
| Slovakkja | 5 407 910 | 1,06 % |
| Irlanda | 4 664 156 | 0,91 % |
| Kroazja | 4 190 669 | 0,82 % |
| Litwanja | 2 888 558 | 0,57 % |
| Slovenja | 2 064 188 | 0,40 % |
| Latvja | 1 968 957 | 0,39 % |
| Estonja | 1 315 944 | 0,26 % |
| Ċipru | 848 319 | 0,17 % |
| Lussemburgu | 576 249 | 0,11 % |
| Malta | 434 403 | 0,09 % |
| UE(28) | 510 860 699 | |
| Livell limitu (62 %) | 316 733 634 | |
| Livell limitu (65 %) | 332 059 455” | |

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2017.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. ŽITŇANSKÁ

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/2354**

**tat-12 ta' Diċembru 2016**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-modifika tal-Anness XI-B ta' dak il-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) Taħt l-Artikolu 55 tal-Ftehim, il-Georgia għandha tapprossima gradwalment il-miżuri leġiżlattivi tagħha fis-settur sanitarju u fitosanitarju u tal-benesseri tal-annimali għal dawk tal-Unjoni kif stipulat fl-Anness XI tal-Ftehim.

(3) Taħt l-Artikolu 55(4) tal-Ftehim, il-Georgia għandha tippreżenta lista tal-miżuri leġiżlattivi tal-UE fis-settur sanitarju u fitosanitarju u tal-benesseri tal-annimali li għalihom biħsiebha tapprossima l-leġiżlazzjoni domestika tagħha, mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Dik il-lista ta' approssimazzjoni għandha sservi bħala dokument ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu 4 (Miżuri sanitarji u fitosanitarji) tat-Titolu V (Kummerċ u Kwistjonijiet Relatati mal-Kummerċ) tal-Ftehim, u għandha tiżdied mal-Anness XI tal-Ftehim. Għaldaqstant, l-Anness XI-B tal-Ftehim għandu jiġi modifikat b'deċiżjoni tas-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju ("Sottokumitat SPS"), kif stipulat fl-Artikolu 65 tal-Ftehim.

(4) Il-Georgia ppreżentat il-lista ta' approssimazzjoni tal-miżuri leġiżlattivi tal-UE fi Frar 2015 u ffinalizzatha, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, f'Diċembru 2015.

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fis-Sottokumitat SPS fir-rigward tal-modifika tal-Anness XI-B tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fis-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju stabbilit mill-Artikolu 65 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-modifika tal-Anness XI-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tas-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju li jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu jaqblu dwar korrezzjonijiet tekniċi żgħar fl-abbozz tad-Deċiżjoni fis-Sottokumitat SPS mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

([1]) ĠU L 261, 30.8.2014, p. 4.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. MATEČNÁ

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru 1/2016 TAS-SOTTOKUMITAT SANITARJU U FITOSANITARJU UE-GEORGIA**

**ta'…**

**li timmodifika l-Anness XI-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni**

IS-SOTTOKUMITAT SANITARJU U FITOSANITARJU,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikoli 55 u 65 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) Taħt l-Artikolu 55 tal-Ftehim, il-Georgia għandha tapprossima gradwalment il-miżuri leġiżlattivi tagħha fis-settur sanitarju u fitosanitarju u tal-benesseri tal-annimali għal dawk tal-Unjoni kif stipulat fl-Anness XI tal-Ftehim.

(3) Taħt l-Artikolu 55(4) tal-Ftehim, il-Georgia għandha tippreżenta lista tal-miżuri leġiżlattivi tal-UE fis-settur sanitarju u fitosanitarju u tal-benesseri tal-annimali li għalihom biħsiebha tapprossima l-leġiżlazzjoni domestika tagħha, mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Dik il-lista ta' approssimazzjoni għandha sservi bħala dokument ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu 4 (Miżuri sanitarji u fitosanitarji) tat-Titolu V (Kummerċ u Kwistjonijiet Relatati mal-Kummerċ) tal-Ftehim.

(4) L-Artikolu 65 tal-Ftehim stabbilixxa s-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju ("Sottokumitat SPS"), li għandu jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni relatata mal-Kapitolu 4 (Miżuri sanitarji u fitosanitarji) tat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet Relatati mal-Kummerċ), inkluża l-implimentazzjoni tiegħu, u li huwa mogħti s-setgħa li jirrevedi u jimmodifika l-Anness XI tal-Ftehim.

(5) Il-Georgia ppreżentat lista ta' approssimazzjoni tal-miżuri leġiżlattivi tal-UE lill-Kummissjoni Ewropea fi Frar 2015, u wara dan, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-lista ġiet riveduta u ffinalizzata f'Diċembru 2015.

(6) Huwa xieraq li s-Sottokumitat SPS jieħu deċiżjoni biex jemenda l-Anness XI-B tal-Ftehim biex dan jinkludi l-lista kif tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XI-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, huwa b'dan modifikat skont kif indikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

*Għas-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju*

*Il-President*

---

([1]) ĠUUE L 261, 30.8.2014, p. 4.

*ANNESS*

MODIFIKAZZJONI TAL-ANNESS XI-B TAL-FTEHIM TA' ASSOĊJAZZJONI

L-Anness XI-B tal-Ftehim huwa b'dan modifikat u għandu jinqara kif ġej:

*"ANNESS XI-B*

LISTA TAL-LEĠIŻLAZZJONI TAL-UNJONI LI GĦANDHA TKUN APPROSSIMATA MILL-GEORGIA

Skont l-Artikolu 55(4) ta' dan il-Ftehim, il-Georgia għandha tapprossima l-leġislazzjoni tagħha lejn il-leġislazzjoni li ġejja tal-Unjoni fi żmien il-perjodi ta' żmien kif elenkati hawn taħt.

| Leġislazzjoni tal-Unjoni | Skadenza għall-approssimazzjoni |
|---|---|
| Taqsima 1 — Veterinarja | |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttiva 92/102/KEE u 64/432/KEE | 2015 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1505/2006 tal-11 ta' Ottubru 2006 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fir-rigward tal-livell minimu ta' kontrolli li għandhom isiru fir-rigward tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali bovini u l-kaprini | 2015 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE ta' 29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer li tirrevoka id-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjoni 89/531/KEE and 91/665/KEE u temenda d-Direttiva 92/46/KEE | 2015 |
| Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 | 2015 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1082/2003 tat-23 ta' Ġunju 2003 li jniżżel regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Numru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' kontrolli li għandhom isiru fil-qafas tas-sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini | 2015 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2004 tad-29 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lametti tal-widnejn, tal-passaporti u tar-reġistri | 2015 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 494/98 tas-27 ta' Frar 1998 li jistipula regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi minimi fl-istruttura tas-sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bovini | 2015 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi miżuri għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-qżieqeż u temenda id-Direttiva 92/119/KE għar-rigward tal-marda Teschen u d-deni Afrikan tal-qżieqeż | 2015 |

| Leġislazzjoni tal-Unjoni | Skadenza għall-approssimazzjoni |
|---|---|
| Id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE tal-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għal kontroll tal-marda Newcastle | 2015 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda tal-infafet vesikolari (deni klassiku) tal-ħnieżer | 2015 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer | 2016 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur tal-irziezet u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE | 2016 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE dwar l-approvazzjoni ta' kompartimenti għat-tjur u ta' kompartimenti ta' għasafar tal-gaġġa oħrajn fir-rigward tal-influwenza avjarja u miżuri ta' bijosikurezza preventivi addizzjonali f'kompartimenti simili | 2016 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/367/UE tal-25 ta' Ġunju 2010 dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur fit-tjur domestiku u t-tjur selvaġġ | 2016 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/106/KE tal-1 ta' Frar 2002 li tapprova Manwal Djanjostiku li jwaqqaf proċeduri djanjostiċi, metodi tal-kampjunar u kriterji għall-istima tat-testijiet fil-laboratorju għall-konferma tad-deni klassiku tal-majjali | 2016 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/422/KE tas-26 ta' Mejju 2003 approvazzjoni ta' manwal għad-dijanjosi ta' African swine fever | 2016 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/437/KE tal-4 ta' Awwissu 2006 li tapprova Manwal Dijanjostiku għall-influwenza tat-tjur kif previst fid-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE | 2016 |
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered | 2016 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/183/KE tat-22 ta' Frar 2001 li tistabbilixxi l-pjanijiet dwar kampjunar u l-metodi djanjostiċi għall-iskoperta u l-konfermazzjoni ta' xi mard tal-ħut u li tħassar id-Deċiżjoni 92/532/KEE | 2016 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi | 2017 |
| Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 | 2017 |

| Leġislazzjoni tal-Unjoni | Skadenza għall-approssimazzjoni |
|---|---|
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE fir-rigward ta' ċerti kampjuni u oġġetti eżentati mill-kontrolli veterinarji skont dik id-Direttiva | 2017 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u li jistabbilixxi lista ta' speċi li jgħaddu l-mard | 2017 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tipprovdi għal rekwiżiti fir-rigward tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti mhux soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti f'regoli Komunitarji speċifiċi msemmija fl-Anness A (I) tad-Direttiva 89/662/KEE u, fejn jidħlu l-patoġeni, għad-Direttiva 90/425/KEE | 2017 |
| Id-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 rigward il-monitoraġġ taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi, temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE u tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE | 2017 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffetwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità | 2017 |
| Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar ir-rekwiżiti sanitarji tal-annimali li japplikaw għaċ-ċaqliċ mhux kummerċjali tal-annimali tad-dar u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE | 2018 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 dwar regoli implimentattivi għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE fir-rigward tal-kontroll, tal-immonitorjar, tas-sorveljanza u tar-restrizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-movimenti ta' ċerti annimali ta' speċi suxxettibbli għall-bluetongue | 2018 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE tal-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue | 2018 |
| Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011 tal-14 ta' Lulju 2011 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni Echinococcus multilocularis fil-klieb | 2018 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman | 2018 |
| Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji | 2018 |

| Leġislazzjoni tal-Unjoni | Skadenza għall-approssimazzjoni |
|---|---|
| Id-Direttiva 2004/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li temenda d-Direttiva 2001/82/KE fuq il-kodiċi tal-Komunità dwar prodotti mediċinali veterinarji | 2018 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1662/95 tas-7 ta' Lulju 1995 li jistabilixxi ċerti arranġamenti ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-Komunità rigward il-proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-ikkumerċjalizzar ta' prodotti għall-użu uman jew veterinarju | 2018 |
| Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | 2018 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni lejn u t-transitu matul il-Komunità għal ċerti annimali ungulati ħajjin, u temenda d-Direttivi 90/426/KEE u 92/65/LEE u tħassar id-Direttiva 72/462/KEE | 2019 |
| Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel | 2019 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2006 tal-1 ta' Awwissu ta' 2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-użu ta' metodi speċifiċi tal-kontroll fil-qafas tal-programmi nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella fit-tjur | 2019 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/843/KC tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar l-approvazzjoni ta' programmi ta' kontroll tas-*Salmonella* f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* f'ċerti pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda d-Deċiżjoni 2006/696/KE, fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tas-saħħa pubblika fl-importazzjoni ta' tjur u bajd għat-tfaqqis | 2019 |
| Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/130/KE tal-11 ta' Diċembru 2006 li timplimenta d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigwardl-istabbiliment tal-kriterji għall-eżenzjoni ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji, għall-annimali li jipproduċu l-ikel mill-ħtieġa ta' preskrizzjoni veterinarja | 2019 |
| Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf | 2019 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2007 tal-14 ta' Frar 2007 dwar ir-rekwiżit għall-approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal stabbilimenti kummerċjali tal-għalf li jimmanifatturaw jew li jqiegħdu fis-suq addittivi għall-għalf tal-kategorija coccidiostats u histomonostats | 2019 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri ġenerali Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard tal-annimali u l-miżuri speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-marda vexxikolari tal-ħnieżer | 2020 |

| Leġislazzjoni tal-Unjoni | Skadenza għall-approssimazzjoni |
|---|---|
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/428/KE tal-4 Lulju 2000 li tistabbilixxi proċeduri dijanjostiċi, metodi ta' kampjuni u kriterji għall-evalwazzjoni ta' riżultati ta' provi ta' laboratorju għal konferma u dijanjosi differenti ta' "swine vesicular disease" | 2020 |
| Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/38/KE tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi lista ta' użu intiż tal-materjali tal-għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali | 2020 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 82/475/KEE tat-23 ta' Ġunju 1982 li telenka l-kategoriji ta' materjali tal-għalf li jistgħu jintużaw għall-iskopijiet tal-ittikkettjar ta' għalf kompost għall-annimali domestiċi | 2020 |
| Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE | 2020 |
| Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/25/UE tal-14 ta' Jannar 2011 li tistabbilixxi linji gwida għad-distinzjoni bejn il-materjali tal-għalf, il-prodotti bijoċidali u l-prodotti mediċinali veterinarji | 2020 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2013 tas-16 ta' Jannar 2013 dwar il-Katalgu tal-materjali tal-għalf | 2020 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 tas-27 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-għalf | 2021 |
| Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali | 2021 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 tal-4 ta' Marzu 2005 regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dmirijiet u l-ħidmiet tal-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju fil-kuntest tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-użu ta' adittivi fl-għalf tal-annimali | 2021 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 429/2008 tal-25 ta' April 2008 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u l-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' addittivi fl-għalf | 2021 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistipula regoli speċifiċi fuq kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam | 2021 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja | 2022 |

| Leġislazzjoni tal-Unjoni | Skadenza għall-approssimazzjoni |
|---|---|
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/778/KE tal-14 ta' Novembru 2006 li tikkonċerna r-rekwiżiti minimi għall-ġbir tal-informazzjoni waqt l-ispezzjonijiet tas-siti ta' produzzjoni li fihom jinżammu ċerti annimali għal skopijiet ta' biedja | 2022 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela | 2022 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali | 2022 |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla | 2022 |
| Id-Direttiva Tal-Kummissjoni 2002/4/KE tat-30 ta' Jannar 2002 fuq ir-reġistrazzjoni tan-negozji stabbiliti tat-trobbija tat-tiġieġ li jbidu, koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE | 2022 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam | 2022 |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1255/97 tal-25 ta' Ġunju 1997 dwar kriterji tal-Komunità għal postijiet ta' kontroll u li jemenda l-pjan ta' rotta msemmi fl-Anness tad-Direttiva 91/628/KEE | 2022 |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 | 2022 |
| Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 750/2014 tal-10 ta' Lulju 2014 dwar il-miżuri ta' protezzjoni f'rabta mad-dijarea porċina epidemika fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-introduzzjoni tal-annimali porċini fl-Unjoni | 2023 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid | 2023 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 101/2013 tal-4 ta' Frar 2013 dwar l-użu tal-aċidu lattiku biex titnaqqas il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tal-wiċċ fuq karkassi bovini | 2023 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE tas-26 ta' Marzu 1990 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li jirregolaw it-tħejjija, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-oġġetti tal-ikel immedikati fil-Komunità | 2024 |
| Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali | 2024 |
| Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2004/704/KE tal-11 ta' Ottubru 2004 dwar il-monitoraġġ tal-ammont tad-diossini u PĊBs li jixbħu d-diossina fl-għalf tal-annimali | 2024 |

| Leġislazzjoni tal-Unjoni | Skadenza għall-approssimazzjoni |
|---|---|
| Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 tas-7 ta' Jannar 2013 li jistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar fl-Unjoni u l-kondizzjonijiet ta' kwarantina tagħhom | 2024 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi tal-ekwidi | 2024 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li jistipula l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ta' saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem | 2025 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 90/427/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 fuq il-kondizzjonijiet zootekniċi u ġinealoġiċi li jirregolaw il-kummerċ intra-Kommunitarju f'ekwini | 2025 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi | 2025 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 li jimplimenta d-Direttivi tal-Kunsill 90/426/KEE u 90/427/KEE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae | 2025 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/157/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-annimali tal-ispeċi tal-bovini ta' razza pura għat-tnissil | 2026 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 84/247/KEE tas-27 ta' April 1984 li tniżżel il-kriterji għall-għarfien tal-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet ta' dawk li irabbu, u li jżommu jew jistabbilixxu kotba tar-razza tal-merħla għall-bovini tal-ifrat ta' razza pura | 2026 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 87/328/KEE tat-18 ta' Ġunju 1987 dwar l-aċċettazzjoni għall-iskopijiet ta' tgħammir ta' bhejjem tal-ifrat tar-refgħa ta' razza pura | 2026 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 94/28/KE tat-23 ta' Ġunju 1994 li tniżżel il-prinċipji dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi applikabbli għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi tal-annimali, is-semen, l-ova u l-embrijoni tagħhom, u li temenda d-Direttiva 77/504/KEE dwar l-annimali ta' razza pura tal-ispeċji bovina | 2026 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE tad-29 ta' April 1992 li tistabilixxi r-regoli ta' kontroll u miżuri biex tkun miġġielda l-marda Afrikana taż- żwiemel | 2026 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet ta' semen ta' bhejjem domestiċi tal-ispeċi tal-majjali | 2026 |
| Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/137/UE tal-1 ta' Marzu 2012 dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi porċina | 2027 |

| Leġislazzjoni tal-Unjoni | Skadenza għall-approssimazzjoni |
|---|---|
| Id-Direttiva tal-Kunsill 88/661/KEE tad-19 ta' Diċembru 1988 dwar l-istandards żootekniċi applikabbli għal tnissil ta' annimali tal-ispeċi tal-majjal | 2027 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 90/428/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kummerċ fl-equidae maħsuba għall-kompetizzjonijiet u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fiha | 2027 |
| Taqsima 2 — Sikurezza tal-ikel | |
| Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel | 2015 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 16/2011 tal-10 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema ta' twissija bikrija għall-ikel u l-għalf | 2015 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/478/KE tad-29 ta' April 2004 li tirrigwarda l-adozzjoni ta' pjan ġenerali għall-ġestjoni ta' kriżi fl-ikel/fl-għalf | 2015 |
| Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel | 2015 |
| Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali | 2015 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-prodotti tal-ikel | 2015 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għal ċerti prodotti taħt ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali taħt ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 | 2015 |
| Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali | 2015 |
| Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġiniw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman | 2015 |

| Leġislazzjoni tal-Unjoni | Skadenza għall-approssimazzjoni |
|---|---|
| Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011 tad-19 ta' Settembru 2011 dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali | 2015 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE | 2015 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/747/KE tas-27 ta' Ottubru 1997 li tiffissal-livelli u l-frekwenzi tat-teħid tal-kampjuni provduti fid-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE sabiex jiġu monitorjati ċerti sustanzi u l-fdalijiet tagħhom f'ċerti prodotti mill-annimali | 2015 |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tyrostatika u ta' beta-agonists u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE | 2015 |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabblixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel. | 2015 |
| Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 | 2015 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissal-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel | 2015 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE tat-12 ta' Awwissu 2002 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE rigward il-ħidma ta' metodi analitiċi u l-interpretazzjoni tar-riżultati | 2016 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2006/677/KE tad-29 ta' Settembru 2006 li jistabbilixxi l-linji ta' gwida li jistipulaw il-kriterji għat-twettiq tal-verifiki skont ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar kontrolli uffiċjali mwettqa sabiex jassiguraw il-verifika tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, u mar-regoli tas-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali | 2016 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 211/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 dwar ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għall-importazzjonijiet fl-Unjoni tan-nebbieta (sprouts) u ż-żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni tan-nebbieta | 2025 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/266/KE tas-17 ta' Marzu 2004 li tawtorizza l-istampar li ma jitħassarx ta' informazzjoni preskritta fuq pakketti li jkun fihom iż-żerriegħa ta' pjanti tal-għalf | 2026 |
| Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/87/UE tat-13 ta' Frar 2014 fir-rigward ta' miżuri għall-prevenzjoni tat-tixrid ta' *Xylella fastidiosa* (Well u Raju) fi ħdan l-Unjoni | 2026 |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/410/KE tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar miżuri kontra d-dħul u t-tixrid fi ħdan il-Komunità tal-Vajrojd tat-tuberi mrekkla tal-patata | 2026 |
| Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/62/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 li tipprevedi ċerti derogi għall-approvazzjoni ta' landraces (tipi partikolari) u varjetajiet agrikoli li huma adattati b'mod naturali għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali u mhedda minn tagħwir ġenetiku, u t-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa u patata taż-żerriegħa ta' dawk il-landraces u varjetajiet | 2026 |
| Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/145/KE tas-26 ta' Novembru 2009 li tipprevedi ċerti derogi, għall-approvazzjoni ta' landraces (tipi partikulari) u varjetajiet tal-ħxejjex tradizzjonalment imkabbra f'lokalitajiet u f'reġjuni partikulari u li huma mhedda minn tagħwir ġenetiku u varjetajiet tal-ħxejjex bla ebda valur intrinsiku għall-produzzjoni kummerċjali tal-għelejjel iżda żviluppati biex jitkabbru f'kundizzjonijiet partikulari u t-tqegħid fis-suq ta' dawk il-landraces u l-varjetajiet | 2026 |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità | 2026 |
| Ir-Regolament tal-Kummissijoni (KE) Nru 1768/95 tal-24 ta' Lulju 1995 li jimplimenta regoli dwar l-eżenzjoni agrikola prevista fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 dwar drittijiet Komunitarji rigward varjetajiet ta' pjanti | 2026 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2009 tas-17 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 rigward il-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti | 2026". |

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/2355

## tat-12 ta' Diċembru 2016

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' arbitri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra [1] ("il-Ftehim"), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) F'konformità mal-Artikolu 404(1) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif stabbilit fl-Artikolu 438(4) tal-Ftehim, għandu jistabbilixxi, mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-ftehim, lista ta' mill-anqas 15-il individwu sabiex iservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim.

(3) Abbozz ta' lista ta' individwi li ser iservu ta' arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim ġie diskuss bejn il-Partijiet. F'konformità mal-Artikolu 404(1) tal-Ftehim, dak l-abbozz ta' lista jipprovdi għal ħames arbitri kandidati proposti mill-Unjoni, ħames arbitri kandidati proposti mir-Repubblika tal-Moldova u ħames ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jservu bħala presidenti ta' bord tal-arbitraġġ.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ fir-rigward tal-lista ta' individwi biex iservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' individwi sabiex iservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' dak il-Kumitat mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Korrezzjonijiet tekniċi żgħar fl-abbozz ta' Deċiżjoni jistgħu jiġu maqbula mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. MATEČNÁ

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru …/2016 TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI UE-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

**ta' …**

**dwar l-istabbiliment tal-lista ta' arbitri msemmija fl-Artikolu 404(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra**

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 404(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra [1] ("il-Ftehim"), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) Skont l-Artikolu 404(1) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif stabbilit fl-Artikolu 438(4) tal-Ftehim, għandu jistabbilixxi, mhux anqas minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, lista ta' mill-anqas 15-il individwu sabiex iservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' individwi biex jservu ta' arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim għall-finijiet tal-Artikolu 404(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, hija stabbilita kif tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ*

*Il-President*

---

[1] ĠU UE L 260, 30.8.2014, p. 4.

*ANNESS*

IL-LISTA TA' ARBITRI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 404(1) TAL-FTEHIM

L-arbitri proposti mir-Repubblika tal-Moldova

1. Mihail BURUIANĂ
2. Procop BURUIANĂ
3. Octavian CAZAC
4. Lilia GRIBINCEA
5. Viorel RUSU

L-arbitri proposti mill-Unjoni Ewropea

1. Jacques BOURGEOIS
2. Claus–Dieter EHLERMANN
3. Pieter Jan KUIJPER
4. Giorgio SACERDOTI
5. Ramon TORRENT

Il-Presidenti

1. Leora BLUMBERG (L-Afrika t'Isfel)
2. William DAVEY (L-Istati Uniti)
3. Merit JANOW (L-Istati Uniti)
4. Helge SELAND (In-Norveġja)
5. David UNTERHALTER (L-Afrika t'Isfel)

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/2356

## tad-19 ta' Diċembru 2016

## b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC rigward id-diżarm u l-kontroll tal-armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' SALW u l-munizzjon tagħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 26(2) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' SALW u l-munizzjon tagħhom (l-"Istrateġija"), li tistabbilixxi l-linji gwida għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW). L-Istrateġija tidentifika lill-Balkani u x-Xlokk tal-Ewropa bħala reġjuni partikolarment milquta mill-akkumulazzjoni eċċessiva u t-tixrid tas-SALW. Hija tiddikjara li l-Unjoni ser tagħti attenzjoni prijoritarja lill-Ewropa Ċentrali u l-Lvant tal-Ewropa u tissottolinja, b'referenza speċifika għall-Balkani, li appoġġ għal multilateralismu effettiv kif ukoll għal inizjattivi reġjonali rilevanti jkun strument effettiv għall-implimentazzjoni tagħha. Hija tippromwovi wkoll b'mod speċifiku l-ħtieġa tal-parteċipazzjoni fl-isforzi biex jitnaqqsu l-ħażniet żejda tas-SALW li kien fadal fil-Lvant tal-Ewropa mill-Gwerra Bierda.

(2) Fis-Sitt Konferenza Preparatorja ta' Rieżami tal-2016 dwar il-Programm ta' Azzjoni tan-NU sabiex Jipprevjeni, Jikkumbatti, u Jeqred il-Kummerċ Illeċitu fis-SALW fl-Aspetti Kollha Tiegħu (il-"Programm ta' Azzjoni tan-NU"), li ġie adottat fl-20 ta' Lulju 2001, l-Istati Membri kollha tan-NU affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom fil-prevenzjoni tat-traffikar illeċitu tas-SALW. L-Istati laqgħu l-progress li sar fir-rigward tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni subreġjonali u reġjonali u impenjaw ruħhom li jistabbilixxu jew isaħħu, fejn xieraq, din il-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-mekkaniżmi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki, sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni.

(3) Iċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC), imwaqqaf f'Belgrad fl-2002 u li jiffunzjona taħt il-mandat konġunt tal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) u l-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (suċċessur għall-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk tal-Ewropa), jassisti lill-partijiet interessati nazzjonali u reġjonali fil-kontroll u t-tnaqqis tal-firxa u l-użu ħażin ta' SALW u munizzjon, u b'hekk jikkontribwixxi għal stabbiltà, sigurtà u żvilupp msaħħa fix-Xlokk u fil-Lvant tal-Ewropa. Is-SEESAC jagħmel enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' proġetti reġjonali biex tiġi indirizzata r-realtà tal-flussi transkonfinali tal-armi.

(4) L-Unjoni preċedentement appoġġat lis-SEESAC permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/842/PESK [1], estiża u emendata bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/807/PESK [2] u 2004/791/PESK [3] kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK [4]. L-Unjoni appoġġat ukoll l-attivitajiet tas-SEESAC ta' kontroll tal-armi permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK [5].

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/842/PESK tal-21 ta' Ottubru 2002 dwar l-implimentazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK bl-għan li l-Unjoni Ewropea tagħti l-kontribut tagħha biex tikkumbatti l-akkumulazzjoni destabilizzanti u t-tixrid ta' armi ħfief u żgħar fix-Xlokk tal-Ewropa (ĠU L 289, 26.10.2002, p. 1).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2003/807/PESK tas-17 ta' Novembru 2003 li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2002/842/PESK li tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK sabiex l-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u l-firxa ta' armamenti żgħar fix-Xlokk tal-Ewropa (ĠU L 302, 20.11.2003, p. 39).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/791/PESK tat-22 ta' Novembru 2004 li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2002/842/PESK li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK bil-ħsieb ta' kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabbilizzanti ta' armi żgħar u armamenti ħfief fl-Ewropa tax-Xlokk (ĠU L 348, 24.11.2004, p. 46).

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK tal-11 ta' Marzu 2010 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC fil-kontroll ta' armi fil-Balkani tal-Punent, fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tas-SALW u tal-munizzjon tagħhom (ĠU L 80, 26.3.2010, p. 48).

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 b'appoġġ għall-attivitajiet ta' SEESAC ta' diżarm u ta' kontroll ta' armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-Ġlieda kontra l-Akkumulazzjoni u t-Traffikar Illeċiti ta' SALW u l-Munizzjon tagħhom (ĠU L 332, 11.12.2013, p. 19).

(5) L-Unjoni tixtieq tiffinanzja proġett ulterjuri tas-SEESAC dwar it-tnaqqis tat-theddida tat-tixrid u t-traffikar illeċiti ta' SALW u l-munizzjon tagħhom fix-Xlokk tal-Ewropa,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom, u tal-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà, il-proġett tas-SEESAC dwar it-tnaqqis tat-theddida tat-tixrid u t-traffikar illeċiti tas-SALW u l-munizzjon tagħhom fix-Xlokk tal-Ewropa li għandhom jiġu appoġġati mill-Unjoni għandu jkollhom l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

iż-żieda fil-kooperazzjoni reġjonali, l-iskambju ta' għarfien u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bil-ħsieb ta' kapaċità msaħħa għal tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza;

it-titjib fil-kapaċità għal sigurtà fiżika u ġestjoni tal-ħażniet ("PSSM") permezz ta' titjib fis-sigurtà tal-infrastruttura, it-tnaqqis ta' ħażniet żejda, u t-taħriġ;

it-tisħiħ tal-kapaċità għall-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' rekords;

it-tnaqqis fil-pussess illeċitu u l-użu ħażin ta' armi tan-nar permezz tal-appoġġ għall-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' ġbir;

L-Unjoni għandha tiffinanzja l-proġett, li hu deskritt fid-dettall fl-Anness.

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1 għandha titwettaq mis-SEESAC.

3. Is-SEESAC għandu jwettaq il-kompitu tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dan l-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-UNDP, li għandu jaġixxi f'isem is-SEESAC.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett iffinanzjat mill-Unjoni li jissemma fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 6 508 136. Il-baġit totali stmat għall-programm kollu għandu jkun ta' EUR 9 142 355. Il-programm għandu jkun ikkofinanzjat mill-Unjoni, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Renju tan-Norveġja u l-benefiċjarju.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont ta' referenza li jinsab fil-paragrafu 1 għandu jiġi amministrat f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tal-infiq imsemmi fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hi għandha tikkonkludi l-ftehim meħtieġ mal-UNDP, li għandu jaġixxi f'isem is-SEESAC. Il-ftehim għandu jistipula li s-SEESAC għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribut tal-UE, xierqa skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun malajr wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u dwar id-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

*Artikolu 4*

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari kull tliet xhur imħejjija mis-SEESAC. Dawk ir-rapporti għandhom jifformaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1.

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3) jew, jekk ma jiġi konkluż l-ebda ftehim f'dak il-perijodu, sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
L. SÓLYMOS

*ANNESS*

**Proposta dwar il-kontribut tal-Unjoni għall-proġett tas-SEESAC dwar it-tnaqqis tat-theddida tat-tixrid u t-traffikar illeċiti ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom fix-Xlokk tal-Ewropa**

1. **Introduzzjoni u objettivi**

Ix-Xlokk tal-Ewropa (SEE) tibqa' qasam ta' tħassib partikolari kif ukoll sfida importanti fl-Istrateġija tal- UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom ("l-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW"). Filwaqt li sar progress sinifikanti fis-snin reċenti, l-iskala enormi ta' akkumulazzjoni ta' SALW u munizzjon, kundizzjonijiet inadegwati ta' ħżin, il-pussess illeċitu fuq skala kbira, u t-tfassil tal-politika u l-lakuni fil-kapaċità ta' implimentazzjoni jkomplu jillimitaw l-effikaċja tal-isforzi għall-kontroll tas-SALW. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat il-progress kontinwu, jiġu assigurati l-kisbiet u titwitta t-triq għal-soluzzjoni fit-tul, il-kontinwazzjoni tal-appoġġ għall-ġlieda kontra t-theddida kkawżata mit-tixrid u t-traffikar illeċitu tas-SALW fi u mis-SEE jifforma parti essenzjali fl-isforzi tal-Unjoni biex tikseb l-għanijiet tal-Istrateġija UE dwar is-SALW.

L-objettiv ġenerali tal-proġett huwa li jikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali billi jiġġieled it-theddida kkawżata mill-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċitu fuq firxa wiesgħa ta' SALW u l-munizzjon tagħhom fi u mis-SEE. Fl-istess waqt, ser isaħħaħ l-istabbiltà reġjonali permezz ta' ħidma fi ħdan il-qafas tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR; is-suċċessur għall-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk tal-Ewropa) u fi sħubija ma' inizjattivi rilevanti oħrajn. B'mod speċifiku, il-proġett ser: iżid il-kooperazzjoni reġjonali, l-iskambju tal-għarfien u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni li jwasslu għal kapaċità msaħħa għal tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza; kapaċitajiet mtejba għas-sigurtà fiżika u ġestjoni tal-ħażniet ("PSSM") permezz ta' titjib fis-sigurtà tal-infrastruttura, it-tnaqqis ta' ħażniet żejda u t-taħriġ; kapaċità mtejba għall-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' rekords tas-SALW; u t-tnaqqis fil-pussess illeċitu u l-użu ħażin ta' armi tan-nar permezz tal-appoġġ għall-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' ġbir.

L-implimentazzjoni tal-proġett hija msejsa fil-Pjan ta' Implimentazzjoni Reġjonali dwar il-Ġlieda Kontra l-Proliferazzjoni tas-SALW u ser tirriżulta f'aktar sigurtà u stabbiltà fis-SEE u lil hinn, bl-indirizzar tal-firxa u t-traffikar illeċitu tas-SALW u l-munizzjon tagħhom. Il-proġett ser jagħti kontribut dirett għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar is-Sigurtà, l-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Armi tan-Nar, it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, il-Programm ta' Azzjoni tan-NU sabiex Jipprevjeni, Jikkumbatti, u Jeqred il-Kummerċ Illeċitu fis-SALW fl-Aspetti Kollha Tiegħu, l-Istrument Internazzjonali ta' Traċċar, il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar u r-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u ser itejjeb b'mod speċifiku l-kooperazzjoni reġjonali fil-ġlieda kontra t-theddida kkawżata mill-firxa tas-SALW u l-munizzjon tagħhom. Ir-riżultati tal-proġett ser jikkontribwixxu wkoll b'mod dirett għall-implimentazzjoni tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli numru 16 dwar soċjetajiet paċifiċi u ġusti, b'mod partikolari l-miri 16.1 (titnaqqas b'mod sinifikanti kull forma ta' vjolenza u r-rata ta' mwiet kullimkien) u 16.4 (jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-flussi ta' armi illegali). Barra minn hekk, il-proġett ser jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni biex jiġi indirizzat it-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar u ta' splussivi fl-Unjoni.

Waqt li jibni fuq l-implimentazzjoni b'suċċess tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK b'mod partikolari, u f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW, dan il-proġett ta' segwitu għalhekk għandu l-għan li jsaħħaħ aktar is-sistemi nazzjonali tal-kontroll u li jkompli jrawwem il-multilateraliżmu li jsawwar mekkaniżmi reġjonali kontra l-forniment u t-tixrid destabbilizzanti tas-SALW u tal-munizzjon tagħhom. Barra minn hekk, sabiex ikun żgurat li l-kisbiet tal-kapaċitajiet jiġu kondiviżi ma' oqsma oħra possibbli ta' tħassib, il-proġett ser ifittex dimensjoni reġjonali aktar komprensiva permezz ta' sforzi ta' trasferiment immirat tal-għarfien.

2. **Għażla tal-aġenzija ta' implimentazzjoni u koordinazzjoni ma' inizjattivi ta' finanzjament oħra rilevanti**

Is-SEESAC huwa inizjattiva konġunta tal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) u l- KKR, u bħala tali huwa l-punt fokali għall-attivitajiet relatati mas-SALW fis-SEE. Bħala l-fergħa eżekuttiva tal-Pjan ta' Implimentazzjoni Reġjonali dwar il-Ġlieda Kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi Żgħar u Ħfief (SALW), is-SEESAC ilu jaħdem mill-2002 ma' partijiet ikkonċernati nazzjonali u internazzjonali fis-SEE dwar l-implimentazzjoni ta' approċċ olistiku għall-kontroll tas-SALW permezz tat-twettiq ta' spettru wiesa' ta' attivitajiet li jinkludu: kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' ġbir tas-SALW, ġestjoni tal-ħażniet, tnaqqis ta' ħażniet żejda, u titjib tal-kapaċitajiet ta' mmarkar u traċċar, kif

ukoll kontroll imtejjeb tal-esportazzjoni tal-armi. B'dan il-mod, is-SEESAC kiseb kapaċità u esperjenza unika fl-implimentazzjoni ta' interventi reġjonali ta' diversi partijiet interessati fl-isfond politiku u ekonomiku kondiviż tal-pajjiżi fir-reġjun, waqt li jiżgura sjieda nazzjonali u reġjonali u sostenibbiltà fit-tul tal-azzjonijiet tiegħu u jistabbilixxi lilu nnifsu bħala l-awtorità reġjonali primarja fil-qasam tal-kontroll tas-SALW.

Is-SEESAC għandu kanali miftuħa ta' komunikazzjoni bilaterali u multilaterali mal-atturi u l-organizzazzjonijiet rilevanti kollha. Is-SEESAC huwa wkoll is-Segretarjat tal-Grupp Reġjonali ta' Tmexxija għas-SALW (RSG). Barra minn hekk, is-SEESAC huwa s-Segretarjat tal-inizjattiva għall-Approċċ Reġjonali għat-Tnaqqis ta' Ħażniet (RASR). Is-SEESAC huwa regolarment mistieden jieħu sehem fil-fora reġjonali rilevanti kollha bħal-laqgħat annwali tal-Ministri tal-ġustizzja u tal-affarijiet barranin bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, il-proċess ta' skambju ta' informazzjoni strutturali tan-NATO dwar is-SALW u l-proċess ministerjali ta' difiża tax-Xlokk tal-Ewropa ("SEDM"). Huwa għandu netwerk wiesa' ta' sħubijiet formali u informali ma' organizzazzjonijiet bħal RACVIAC (iċ-Ċentru Reġjonali ta' Assistenza għall-Implimentazzjoni u l-Verifika tal-Kontroll tal-Armi) — iċ-Ċentru għall-Kooperazzjoni fis-Sigurtà u l-Forum tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) għall-Kooperazzjoni fis-Sigurtà (FSC). Laqgħat regolari ta' koordinazzjoni ma' aġenziji oħra tan-NU bħall-UNODC u l-UNODA jseħħu permezz tal-Azzjoni ta' Koordinazzjoni tan-NU dwar Armi Ħfief (CASA) kif ukoll mekkaniżmi oħra. Is-SEESAC b'hekk żviluppa f'ċentru reġjonali u punt fokali għal spettru wiesa' ta' kwistjonijiet relatati mar-riforma tas-settur tas-sigurtà, b'attenzjoni partikolari fuq il-kontroll tas-SALW u l-ġestjoni tal-ħażniet. Ibbażat f'Belgrad, is-SEESAC fil-preżent jopera fis-SEE kollu, b'attivitajiet fl-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina (BiH), il-Kosovo *, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja u l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM). Fil-passat, is-SEESAC kien jopera wkoll fil-Bulgarija, fil-Kroazja u fir-Rumanija. Is-sjieda reġjonali hija żgurata permezz tal-KKR kif ukoll permezz tal-RSG, fejn ir-rappreżentanti tal-istati kollha fis-SEE jipprovdu l-gwida strateġika, l-inizjattivi u t-talbiet għall-attivitajiet tas-SEESAC.

Is-SEESAC kien il-pijunier ta' approċċ ibbażat fuq l-indirizzar ta' problemi kondiviżi permezz ta' inizjattivi reġjonali, li ħallew riżultati impressjonanti fis-SEE mhux biss minħabba l-kondiviżjoni kruċjali tal-informazzjoni u l-promozzjoni ta' kompetizzjoni reġjonali b'saħħitha li jqanqal, iżda wkoll għax jgħin biex jinkisbu riżultati konsistenti u li faċli jitkejlu permezz modalità ta' implimentazzjoni olistika. Il-parteċipazzjoni mis-SEESAC fil-proċessi u l-inizjattivi reġjonali rilevanti kollha (bħal SEDM, RASR u RACVIAC) tipprovdi skambju ta' informazzjoni f'waqtu u espliċitu, għarfien tas-sitwazzjoni b'saħħtu u t-tbassir meħtieġ biex tiġi żgurata implimentazzjoni mhux suxxettibbli li tirkeb fuq u f'konformità mal-ħtiġijiet attwali tal-gvernijiet u r-reġjuni, kif ukoll max-xejriet ta' żvilupp.

Is-SEESAC jibbaża l-attivitajiet kollha tagħha fuq id-data bażika miġbura u jassigura l-approvazzjoni u l-appoġġ politiku minn partijiet interessati nazzjonali bħala prekondizzjoni għall-azzjoni. Is-SEESAC implimenta l-proġetti preċedenti tiegħu ffinanzjati mill-Unjoni b'rata għolja ħafna ta' rendiment tal-attivitajiet previsti, billi kiseb riżultati sostenibbli għall-proġett billi żviluppa u rawwem sjieda nazzjonali tal-proġetti u l-attivitajiet tiegħu, u billi ppromwova koordinazzjoni reġjonali, esperjenza u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, kif ukoll riċerka reġjonali. L-għarfien espert tiegħu dwar is-SALW u l-għarfien profond tal-affarijiet reġjonali u l-partijiet interessati rilevanti jagħmlu s-SEESAC bħala l-aktar sieħeb ta' implimentazzjoni adatt għal din l-azzjoni partikolari.

Il-proġett jikkomplementa wkoll l-isforzi fil-livell nazzjonali eżistenti li jfittxu sinerġiji massimi. B'mod partikolari fir-rigward tal-BiH, il-proġett huwa komplementari għal żewġ proġetti oħra, partikolarment:

— il-proġett EXPLODE, iffinanzjat mill-komponent fuq perijodu qasir tal-Istrument tal-Unjoni li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi u implimentat mill-Uffiċċju tal-UNDP f'Sarajevo fi sħubija mal-Missjoni tal-OSKE għall-BiH, biex tissaħħaħ is-sikurezza tan-nies tal-BiH billi jitnaqqsu l-ħażniet ta' munizzjon instabbli u tissaħħaħ is-sikurezza tal-ħażniet,

— il-proġett SECUP BiH għal titjib fis-sigurtà tas-siti ta' ħażniet tal-munizzjon u l-armi, li huwa implimentat b'mod konġunt mill-Missjoni tal-OSKE għall-BiH u l-Ministeru għad-Difiża tal-Bożnija-Ħerzegovina, bl-EUFOR li jipprovdu parir espert tekniku u monitoraġġ tal-aspetti ta' sigurtà u sikurezza tal-implimentazzjoni tal-proġett.

Is-SEESAC ser jaħdem permezz tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni stabbilit mill-MoD u atturi internazzjonali u ser iżomm kuntatt regolari mal-EUFOR Althea, il-Missjoni tal-OSKE għall-BiH u l-Uffiċċju tal-UNDP f'Sarajevo biex jiżgura koordinazzjoni u komplementarjetà kontinwi ma' dawn il-proġetti kif ukoll mal-isforzi li għaddejjin tal-komunità internazzjonali biex tiġi indirizzata l-kwistjoni dwar ħażniet żejda ta' munizzjon konvenzjonali miżmuma

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għal pożizzjonijiet dwar l-istatus, u jikkonforma mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.

mill-Ministeru għad-Difiża tal-BiH u fid-dawl ta' kwalunkwe possibbiltà ta' pjanijiet futuri għal kampanja biex jingabru armi konvenzjonali illegali fil-BiH. Fil-fażi preċedenti, inkisbu żidiet sinifikanti permezz ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni stretta ma' dawn iż-żewġ proġetti, li wasslu għal riżultati aktar effiċjenti.

Il-proġett propost huwa parti minn programm usa', u s-SEESAC ser jaħdem flimkien mal-isforzi segwenti ta' għajnuna internazzjonali:

— fil-Montenegro, il-proġett MONDEM, amministrat mill-UNDP fi sħubija mal-OSKE, huwa mfassal biex jaħdem dwar it-tnaqqis tar-riskji tal-għlieda kontra l-proliferazzjoni permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura għall-ħażna tal-munizzjon konvenzjonali u sistemi ta' ġestjoni siguri u mingħajr periklu, it-tnaqqis tar-riskju ta' splussivi għall-komunitajiet permezz tad-demilitarizzazzjoni favur l-ambjent, il-qerda ta' skart tossiku perikoluż (propellant likwidu tar-rokit) u appoġġ għar-riforma ta' difiża permezz tal-qerda ta' kwantità limitata ta' sistemi ta' armi tqal imfassla mill-Ministeru tad-Difiża għall-Montenegro;

— fil-Kosovo, il-Proġett dwar il-mitigazzjoni tar-riskju tal-armi tan-nar u splussivi ("FERM"), (preċedentement KOSSAC), inizjalment imfassal biex inaqqas il-vjolenza bl-armi fil-Kosovo u jżid is-sigurtà tal-komunità, għandu l-għan li jappoġġa l-partijiet ikkonċernati tal-Kosovo fil-kontroll tal-pussess illegali mifrux u ċ-ċirkolazzjoni ta' SALW u, permezz ta' ġestjoni bbażata fuq ir-riskju u approċċ ibbażat fuq l-evidenza, biex jitnaqqsu r-riskji ta' dawn l-armi u tal-materjali splussivi;

— fis-Serbja, il-proġett CASM, iffinanzjat mid-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti tal-Amerika, il-UNDP u l-OSKE, huwa mfassal biex itejjeb is-sikurezza u s-sigurtà ta' siti predefiniti għall-ħażniet ta' munizzjon konvenzjonali u r-rimi ta' munizzjon żejjed irrapportat.

Barra minn hekk, il-proġett se jaħdem biex jikkoordina ma' inizjattivi ġodda fl-FYROM billi jfittex li jżid il-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-ħażniet tal-pulizija.

Is-SEESAC iżomm ukoll kuntatt regolari mal-OSKE, in-NATO u man-Norwegian People's Aid, kif ukoll ma' atturi oħra rilevanti, sabiex jiżgura l-komplementarjetà tal-azzjoni, il-puntwalità tal-interventi u l-kosteffettività fl-użu tar-riżorsi.

3. **Deskrizzjoni tal-proġett**

Il-fażi ġdida tal-proġett tas-SEESAC ser tibni fuq il-bażi tal-kisbiet taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK u ser tiffoka fuq erba' oqsma ewlenin, filwaqt li jinżamm approċċ olistiku fil-għlieda kontra t-theddida kkawżata mis-SALW fir-reġjun. L-erba' oqsma jindirizzaw il-livell strateġiku/ta' politika kif ukoll l-aspetti operazzjonali, waqt li jgħaqqdu flimkien approċċi aktar tradizzjonali għall-kontroll tas-SALW b'fokus fuq il-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi u n-netwerking billi jħarsu lejn it-theddid prinċipali (ħażniet kbar, b'sigurtà mhux suffiċjenti; nuqqas ta' informazzjoni; żieda fit-traffikar illeċitu; pussess illegali fuq firxa wiesa'). B'mod partikolari, il-proġett ser jirrizulta:

— f'żieda fil-kooperazzjoni reġjonali, l-iskambju ta' għarfien u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni, li jwasslu għal kapaċità msaħħa għal tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza;

— f'titjib fil-kapaċità għall-PSSM permezz ta' titjib fis-sigurtà tal-infrastruttura, it-tnaqqis ta' ħażniet żejda, u taħriġ;

— f'tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' rekords;

— fi tnaqqis fil-pussess illeċitu u l-użu ħażin ta' armi tan-nar permezz tal-appoġġ għall-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' ġbir;

L-istrateġija tal-proġett hija msejsa fuq l-approċċ uniku tas-SEESAC biex jinbnew u jitrawmu l-fiduċja u l-kooperazzjoni fir-reġjun bħala prerekwiżit biex tinkiseb bidla trasformattiva konkreta u li tista' titkejjel. B'mod partikolari, fil-livell reġjonali, il-proċessi differenti ffaċilitati mis-SEESAC, li jinvolvu kemm lil dawk li jfasslu l-politika kif ukoll il-prattikanti fil-livell tekniku, urew li huma ingredjent essenzjali biex jiġi żgurat ambjent li jippermetti t-trasferiment tal-għarfien, l-iskambju tal-għarfien espert u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Dan serva mhux biss biex jiżdiedu l-kapaċitajiet fir-reġjun, iżda aktar importanti minn hekk biex tinbena l-fiduċja u jiġu stabbiliti possibbiltajiet ta' kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet u l-esperti individwali. Konsegwentement, l-atmosfera ta' fiduċja professjonali tippermetti li jsir progress fil-livell nazzjonali fuq kwistjonijiet li huma indirizzati minn dan il-proġett: il-PSSM, inkluż it-tnaqqis ta' ħażniet żejda; l-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' rekords; il-kooperazzjoni fil-livell operazzjonali bejn l-infurzar tal-liġi; u l-kooperazzjoni transfruntiera. Barra minn hekk, l-approċċ ta'

kooperazzjoni reġjonali għamel lir-reġjun aktar trasparenti u effiċjenti fl-isforzi tiegħu biex jikkontrolla l-kummerċ tal-armi, bir-riżultat li l-Istati tax-Xlokk tal-Ewropa huma fost l-aktar trasparenti fid-dinja fir-rappurtar tagħhom dwar it-trasferimenti tal-armi. Għaldaqstant, il-proġett ser ikompli jrawwem il-kooperazzjoni reġjonali bħala element essenzjali li jippermetti li jinkisbu riżultati miżurabbli.

L-ambitu ġeografiku tal-proġett huwa s-SEE, fejn il-benefiċjarji diretti tal-proġett huma l-Albanija, il-BiH, il-Kosovo, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja u l-FYROM. Barra minn hekk, il-proġett ser ifittex li jiffaċilita t-trasferiment tal-għarfien u l-għarfien espert għall-pajjiżi Ewropej tal-Lvant li jiffaċċjaw l-istess problemi ta' SALW, b'mod partikolari l-Ukrajna u l-Belarussja.

3.1. *Żieda fil-kooperazzjoni reġjonali, l-skambju ta' għarfien u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni, li jwasslu għal kapaċità msaħħa għal tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza*

Objettiv

Li tissaħħaħ aktar il-kapaċità ta' tfassil u implimentazzjoni ta' politiki dwar il-kontroll tas-SALW ibbażati fuq l-evidenza skont l-aħjar prattika internazzjonali inklużi l-Istandards Internazzjonali dwar il-Kontroll tas-SALW u b'hekk jingħata kontribut sabiex titnaqqas it-theddida ta' proliferazzjoni illeċita tas-SALW.

Deskrizzjoni

Filwaqt li jibnu fuq l-approċċ ta' suċċess li jiffaċilita netwerking fil-livell reġjonali, b'mod partikolari bejn l-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji għat-trasferimenti tal-armi (taħt il-proċess ta' skambju ta' informazzjoni reġjonali) u l-kummissjonijiet tas-SALW, li rriżultaw f'aktar attività u fit-titjib tal-politiki, dan il-komponent ser ikompli jiffaċilita l-kooperazzjoni reġjonali bejn il-kummissjonijiet tas-SALW permezz ta' laqgħat reġjonali regolari, l-iskambju ta' informazzjoni u ħidma fuq il-ġbir ta' data u żieda fil-kapaċità għat-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza. Il-ħidma taħt dan il-komponent ser tirriżulta: f'żieda fil-kapaċità għat-tfassil tal-politika permezz ta' ġbir u analiżi mtejba ta' data, inkluż stħarriġ dettaljat; skambju ta' informazzjoni reġjonali; u għarfien u fehim akbar fost dawk li jfasslu u dawk li jimplimentaw il-politika dwar il-kumplessità tal-problematika tal-kontroll tas-SALW. It-trasparenza tat-trasferimenti tal-armi ser tiżdied ukoll bl-integrazzjoni tal-proċess ta' skambju ta' informazzjoni reġjonali dwar it-trasferimenti tal-armi fil-proċess ta' kooperazzjoni tal-kummissjoni tas-SALW, kif ukoll bl-appoġġ biex titkompla t-trasparenza tat-trasferimenti tal-armi fix-Xlokk tal-Ewropa. Barra minn hekk, dan il-komponent jipprevedi t-trasferiment tal-għarfien espert miksub fix-Xlokk tal-Ewropa lejn reġjuni oħra sabiex jiġu appoġġati l-interventi tal-Unjoni f'oqsma oħra. Fl-aħħar nett, dan il-komponent ser jipprovdi wkoll appoġġ tekniku permezz ta' riċerka u għoti ta' informazzjoni mmirati u fuq talba li jkunu rilevanti għall-politika għal dawk li jfasslu l-politika.

B'mod speċifiku, il-proġett jipprevedi l-faċilitazzjoni kontinwa tal-proċess ta' skambju ta' informazzjoni reġjonali permezz ta':

— laqgħat reġjonali formali tal-kummissjonijiet tas-SALW u korpi ta' tfassil ta' politika rilevanti (darbtejn fis-sena) li jiffokaw fuq l-iskambju ta' informazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-istandardizzazzjoni, kif ukoll taħriġ;

— it-trasferiment tal-għarfien espert lejn il-Belarussja u l-Ukrajna permezz tal-faċilitazzjoni tal-parteċipazzjoni f'laqgħat formali magħżula u t-traduzzjoni u d-disseminazzjoni tal-għodod eżistenti ta' kontroll tas-SALW.

Barra minn hekk, il-kapaċitajiet ta' tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza ser jiġu msaħħa permezz:

— tat-titjib u l-aġġornament tal-linja bażi tas-sitwazzjoni tas-SALW reġjonali permezz ta' stħarriġ reġjonali dwar is-SALW (inkluż stħarriġ nazzjonali), biex b'hekk jiġu vvalutati l-bidliet mill-aħħar stħarriġ (2006), abbażi ta' metodoloġija mtejba;

— tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-ġbir u l-analiżi tad-data permezz tal-iżvilupp u l-aġġornament kontinwu ta' għodda ta' monitoraġġ ibbażata fuq il-pjattaforma online tas-SEESAC "Mira fuq l-Armi", imtejba permezz tad-disseminazzjoni regolari ta' Sorveljatur tas-SEE SALW li jiġbor data rilevanti u jippermetti li jiġu traċċati t-tendenzi;

— tat-tisħiħ tal-ġestjoni tal-għarfien permezz ta' ġbir sistematiku ta' lezzjonijiet meħuda u ż-żamma fis-seħħ ta' pjattaforma online għall-iskambju tal-informazzjoni u t-tisħiħ tagħha permezz tal-iżvilupp ta' prodotti ta' għarfien fuq talba li jkunu rilevanti għall-politika;

— tal-għoti fuq talba ta' pariri tekniċi u għarfien espert sabiex jissaħħu l-iżvilupp, it-tfassil, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika.

Sabiex tiżdied l-effettività tal-politiki dwar il-kontroll tas-SALW u biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tagħhom ittejjeb is-sigurtà kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, il-perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi ser tiġi integrata fil-politiki dwar il-kontroll tas-SALW u ser tiġi indirizzata permezz ta' parir u għarfien espert tekniċi, l-iżvilupp ta' prodotti ta' għarfien u taħriġ, b'enfasi partikolari fuq il-vjolenza domestika.

Dan ser jinkiseb permezz ta' approċċ parteċipatorju sħiħ, biex b'hekk jiġu pprovduti mhux biss il-prodotti lesti, iżda wkoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-appoġġ għall-adozzjoni għall-istituzzjonijiet ewlenin, u għalhekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-intervent.

Riżultati/indikaturi tal-implimentazzjoni tal-proġett:

Il-proġett ser jgħin biex jitnaqqsu r-riskji ta' proliferazzjoni permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għat-tfassil, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki dwar il-kontroll tas-SALW li tkun ibbażata fuq l-evidenza billi:

— jiġi ppubblikat stħarriġ dwar is-SALW u tiġi stabbilita linja bażi aġġornata;

— jiġu żgurati l-ġbir, l-analiżi u d-disseminazzjoni regolari tad-data;

— jiġu żviluppati jew aġġornati sa massimu ta' għaxar prodotti ta' għarfien li jkunu rilevanti għall-politika;

— jiġu favoriti l-iskambju ta' informazzjoni, it-trasferiment tal-għarfien u l-istandardizzazzjoni;

— jingħataw pariri tekniċi u żvilupp tal-kapaċitajiet permezz ta' sa massimu ta' tliet sessjonijiet ta' taħriġ;

— jiġu organizzati sa massimu ta' sitt laqgħat formali tal-kummissjonijiet tas-SALW;

— jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-għarfien;

3.2. *Titjib fil-kapaċità għall-PSSM permezz ta' titjib fis-sigurtà tal-infrastruttura, it-tnaqqis ta' ħażniet żejda, u t-taħriġ;*

Objettiv

Li jitnaqqas ir-riskju ta' proliferazzjoni permezz tat-titjib tas-sigurtà tal-ħażniet ta' armi u munizzjon u t-tnaqqis ta' ħażniet żejda ta' SALW u l-munizzjon tagħhom fl-imħażen.

Deskrizzjoni

Is-SEESAC ilu juża b'suċċess, sa mill-2010, approċċ fuq żewġ binarji: (1) it-titjib fis-sigurtà tas-siti ta' ħażniet; u (2) l-bini tal-kapaċità tal-persunal inkarigat mill-ġestjoni ta' ħażniet, li b'mod sinifikanti żied id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà u naqqas ir-riskju ta' proliferazzjoni mhux mixtieqa ta' ħażniet tas-SALW u l-munizzjon tagħhom. F'konformità ma' approċċ komprensiv għall-PSSM tas-SALW u l-munizzjon tagħhom, il-fażi l-ġdida ser tespandi dan l-approċċ billi tgħaqqdu mat-tnaqqis tal-ħażniet żejda, biex b'hekk tkompli tnaqqas ir-riskji ta' proliferazzjoni. Għaldaqstant, il-proġett ser ikompli jtejjeb is-sigurtà ta' ħażniet ta' armi u munizzjon fis-SEE billi jipprovdi assistenza teknika u infrastrutturali speċifika ulterjuri f'konformità mal-aħjar prassi u standards internazzjonali.

Filwaqt li s-sigurtà f'postijiet ta' ħażna militari żdiedet b'mod sinifikanti taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK, is-SEESAC identifika ħażniet tal-pulizija u l-Ministeri tal-Intern (MgħI) bħala qasam ta' tħassib minħabba n-nuqqas ta' kapaċità għall-ħarsien, kapaċitajiet inadegwati għaż-żamma ta' rekords u l-ġestjoni tal-ħażniet, u sistemi aktar kumplessi li jinkludu armi ta' formazzjoni kif ukoll armi tan-nar ikkonfiskati. Għalhekk, dan il-komponent ser jappoġġa lill-MgħI u s-servizzi tal-pulizija bil-għan li:

— tiżdied is-sigurtà tal-ħażniet permezz ta' titjib fl-infrastruttura kosteffiċjenti u mmirat fil-faċilitajiet ta' ħżin tal-pulizija fl-Albanija, il-BiH, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja, u l-Kosovo. L-aġġornamenti ser jiffokaw fuq l-imħażen ċentrali tal-pulizija kif ukoll kmamar ta' evidenza fl-għases prinċipali tal-pulizija bl-għan li tiġi pprovduta l-aktar żieda effiċjenti u kosteffettiva għas-sigurtà tal-ħażniet;

— il-qerda ta' massimu ta' 50 000 SALW żejda jew konfiskati fir-reġjun, kif ukoll sa massimu ta' 500 000 biċċa munizzjon tas-SALW;

— il-forniment tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz tat-taħriġ ta' grupp reġjonali ta' persunal ta' taħriġ tal-MgħI u appoġġ għal sessjonijiet ta' taħriġ nazzjonali dwar il-PSSM ibbażati fuq il-kurrikuli tas-SEESAC imnedija bi prova taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK.

Riżultati tal-proġett/indikaturi tal-implimentazzjoni:

Il-proġett ser jirriżulta fi tnaqqis sinifikanti ta' vulnerabbiltajiet tal-proliferazzjoni tas-SALW permezz tat-titjib tas-sigurtà tal-ħażniet u t-tnaqqis tal-għadd ta' SALW, splussivi u munizzjon żejda u kkonfiskati maħżuna mill-MgħI u s-servizzi tal-pulizija fil-ħażniet tal-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro u s-Serbja:

— Sigurtà ta' postijiet ta' ħżin ċentrali (7) msaħħa f'konformità mal-istandards internazzjonali u l-aħjar prattiki;

— Sigurtà tal-kmamar tal-evidenza (15) miżjuda;

— Massimu ta' 50 000 arma konvenzjonali meqruda;

— Massimu ta' 500 000 biċċa munizzjon u splussivi fir-riskju tal-proliferazzjoni demilitarizzati jew meqruda.

3.3. *Tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' rekords*

Objettiv

Li titnaqqas it-theddida tat-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar permezz tat-titjib tal-kapaċitajiet ta' infurzar tal-liġi fix-Xlokk tal-Ewropa għal immarkar u traċċar permezz ta' approċċ ta' kooperazzjoni reġjonali bbażat fuq iżjed ġbir, analiżi u kondiviżjoni ta' informazzjoni.

Deskrizzjoni

Fid-dawl taż-żieda fit-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar lejn l-Unjoni, kif ukoll iż-żieda fl-użu tal-armi tan-nar fil-kriminalità organizzata u l-inċidenti terroristiċi, l-iżvilupp ta' sistemi u mekkaniżmi robusti ta' ġbir u skambju ta' informazzjoni huwa element essenzjali fl-isforzi tal-ġlieda kontra din it-theddida. Għaldaqstant, f'dawn l-aħħar snin saru sforzi sinifikanti biex tiżdied il-kooperazzjoni, kif ukoll biex jitjiebu l-għarfien u l-fehim tal-fenomenu tat-traffikar tal-armi, filwaqt li fl-istess ħin jitfasslu miżuri ta' mitigazzjoni effiċjenti. Permezz tal-ħidma twila tiegħu fir-reġjun, u b'mod speċjali permezz tal-implimentazzjoni b'suċċess tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK, inkluż l-istabbiliment u l-faċilitazzjoni tan-Netwerk ta' Esperti tal-Armi tan-Nar (SEEFEN), is-SEESAC ilu fuq quddiem nett f'dawn l-isforzi, waqt li aġixxa bħala aġent ta' tlaqqigħ tal-proċessi ta' kooperazzjoni filwaqt li ħadem biex iżid il-kapaċità tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi għall-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' rekords, inkluż permezz ta' assistenza teknika u appoġġ għall-istabbiliment u t-titjib tas-sistemi taż-żamma ta' rekords. Din l-attività ser tibni fuq il-bażi stabbilita fil-perijodu preċedenti billi:

— issaħħaħ aktar lil SEEFEN, filwaqt li fl-istess ħin jintuża bħala pjattaforma għal kooperazzjoni akbar bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tas-SALW u l-munizzjon tagħhom. B'mod partikolari, is-SEEFEN ser jiġi appoġġat permezz ta' faċilitazzjoni kontinwa ta' laqgħat tal-esperti (darbtejn fis-sena) u t-titjib fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Barra minn hekk, ser jiġi pprovdut appoġġ lill-esperti tal-armi tan-nar b'taħriġ u appoġġ ta' konsulenza teknika immirati, flimkien mal-għoti mmirat u kosteffiċjenti ta' assistenza teknika permezz tal-forniment ta' tagħmir (magni għall-immarkar tal-importazzjonijiet) lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi;

— tappoġġa l-istabbiliment, fis-seba' benefiċjarji kollha, ta' punti fokali għall-armi tan-nar — unitajiet ċentrali għall-ġbir u l-analiżi ta' informazzjoni li jappoġġaw l-investigaturi u l-prosekuturi, u li jippermetti t-tiswir u l-aġġornament tal-istampa tal-intelligence fir-rigward tat-traffikar tal-armi tan-nar minn u lejn is-SEE;

— tibni fuq il-ħidma li saret biex jitjiebu s-sistemi ta' reġistrazzjoni u l-kapaċitajiet tal-intelligence ballistika kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Istudju Reġjonali dwar il-Fattibbiltà;

— taħdem mill-qrib mal-iArms tal-Interpol sabiex tappoġġa l-kapaċità tas-servizz tal-pulizija tas-SEE biex jiġbru, jipproċessaw u jiskambjaw data dwar is-SALW mitlufa jew misruqa.

L-attivitajiet kollha ta' SEEFEN ser jiġu kkoordinati mill-qrib mal-EUROPOL, l-Esperti Ewropej tal-Armi tan-Nar, id-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni, l-Interpol, l-Eurojust u Frontex, kif ukoll atturi rilevanti oħra, u ser jikkontribwixxu għall-isforzi tagħhom. Din il-parti tal-proġett tappoġġa t-tisħiħ tal-istat tad-dritt effettiv, li jillimita, jirreġistra u jkejjel il-kwantitajiet ta' SALW u d-domanda għalihom. Il-proġett huwa mfassal f'konformità ma' u għalhekk ser itejjeb l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU sabiex Jipprevjeni, Jikkumbatti, u Jeqred il-Kummerċ Illeċitu fis-SALW fl-Aspetti Kollha Tiegħu, l-Istrument internazzjonali ta' Traċċar, il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar, id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE u l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK permezz tat-titjib tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet tas-SEE fir-rigward tal-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' rekords tal-armi, b'attenzjoni partikolari fuq il-kapaċitajiet tat-tiswir tal-istampa korretta tal-intelligence sabiex jitfasslu kontromiżuri effettivi għat-theddida tat-traffikar.

Riżultati/indikaturi tal-implimentazzjoni tal-proġett:

— It-tisħiħ u t-titjib tal-ħidma ta' SEEFEN, b'sitt laqgħat (darbtejn fis-sena) li jiffokaw fuq in-netwerking u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-esperti tal-armi tan-nar mill-qasam tal-infurzar tal-liġi;

— It-titjib tal-pjattaforma online ta' SEEFEN għall-iskambju ta' informazzjoni;

— It-titjib tal-kapaċità tal-membri ta' SEEFEN permezz ta'sessjonijiet ta' taħriġ immirati u l-għoti ta' appoġġ tekniku u ta' konsulenza;

— L-istabbiliment u l-funzjonament tal-punti fokali għall-armi tan-nar fis-seba' benefiċjarji kollha;

— Iż-żieda fill-kapaċitajiet forensiċi għat-traċċar;

— L-istabbiliment tas-sistema tal-immarkar effettiv bl-akkwist ta' magni għall-immarkar;

— It-tisħiħ tal-kapaċità ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni u intelligence relatata mal-armi tan-nar fix-Xlokk tal-Ewropa;

3.4. *Tnaqqis fil-pussess illeċitu u l-użu ħażin ta' armi tan-nar permezz tal-appoġġ għall-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' ġbir*

Objettiv

Li tiżdied is-sigurtà reġjonali permezz tal-ġlieda kontra l-pussess illeċitu ta' armi tan-nar fuq skala kbira permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ġbir.

Deskrizzjoni

Il-konsegwenzi tal-kunflitti fil-passat, kif ukoll ġibda tradizzjonali għall-armi fost il-popolazzjoni fis-SEE, ħolqu problema serja ta' pussess ta' armi illegali fuq skala kbira (stmata li tammonta għal diversi miljuni ta' armi). Dan joħloq theddida serja mhux biss għall-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun, iżda wkoll lil hinn minnu. Minkejja xi suċċess mill-isforzi fil-passat biex dan jitrażżan, il-pussess illeċitu jibqa' sinifikanti fir-reġjun kollu, u potenzjalment jissuplixxi n-naħa tal-provvista tat-traffikar illeċitu lejn l-Unjoni. Madankollu, din il-problema teħtieġ soluzzjoni fit-tul li tiffoka fuq il-bidla fl-attitudnijiet u l-perċezzjonijiet permezz ta' interventi mmirati sostnuti. Il-kumplessità tal-kwistjoni titlob li ssir reviżjoni tal-approċċi meħuda sa issa u l-ħtieġa li tiġi stabbilita analiżi b'saħħitha tal-bażi għar-raġunijiet għalfejn l-individwi jibqgħu jżommu armi illegali. Il-fażi preċedenti wriet il-ħtieġa ta' sforzi sostnuti ta' involviment u sensibilizzazzjoni sabiex jitnaqqas il-pussess illegali tal-armi tan-nar, li tibqa' waħda mill-aktar theddid immedjat. Għalhekk, dan il-komponent jipproponi sforz aktar sostnut biex titqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-perikli kkawżati minn pussess illeċitu kif ukoll biex tiżdied ir-rata ta' handover ta' SALW billi jużaw metodoloġiji u approċċi innovattivi li jiffukaw fuq iċ-ċittadin. Dan ser iseħħ permezz ta':

— stħarriġ reġjonali li jistabbilixxi fehim komprensiv tal-fenomeni wara l-pussess illeċitu ta' armi;

— l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kampanji innovattivi ta' sensibilizzazzjoni u (fejn possibbli) ta' ġbir, bl-għan li jitnaqqsu l-livelli tal-pussess illeċitu.

L-attivitajiet ser jitwettqu fi sħubija ma' għadd kbir ta' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, biex b'hekk tinħoloq bażi għal sforzi fit-tul biex tiġi indirizzata din il-problema.

Riżultati/indikaturi tal-implimentazzjoni tal-proġett:

Il-proġett ser jikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-domanda globali u l-pussess ta' armi illeċiti billi:

— itejjeb il-fehim tal-fenomeni tal-pussess illeċitu permezz ta' studju fil-fond tal-attitudnijiet;

— isaħħaħ is-sensibilizzazzjoni dwar il-perikli li joħloq l-pussess illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi permezz ta' kampanji fir-reġjun kollu;

4. **Benefiċjarji**

Il-benefiċjarji diretti tal-proġett ser ikunu l-istituzzjonijiet nazzjonali responsabbli mill-kontroll tas-SALW fis-SEE. Fir-rigward tal-ġestjoni tal-ħażniet, il-ministeri għall-intern u s-servizzi tal-pulizija tar-Repubblika tal-Albanija, il-BiH, il-Kosovo, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja u FYROM ser jibbenefikaw mit-tisħiħ tal-kapaċitajiet, infrastruttura mtejba fis-siti tal-ħażniet u sostenn għat-tnaqqis tal-ħażniet. Dawn il-ministeri ser ikunu wkoll il-benefiċjarji diretti tal-kapaċitajiet imtejba għall-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' rekords tas-SALW, u ser igawdu mill-benefiċċji tan-netwerk reġjonali ta' esperti dwar l-armi tan-nar. Finalment, il-kummissjonijiet tas-SALW u istituzzjonijiet oħra responsabbli mill-kontroll ta' SALW fis-SEE ser jibbenefikaw minn taħriġ u kondiviżjoni ta' informazzjoni kif ukoll kooperazzjoni reġjonali. Barra minn hekk, istituzzjonijiet ewlenin inkarigati bil-kontroll tas-SALW fil-Belarussja u l-Ukrajna ser jibbenefikaw minn trasferiment limitat u immirat tal-għarfien.

L-attivitajiet proposti huma f'konformità sħiħa mal-prijoritajiet nazzjonali dwar il-kontroll tas-SALW u ġew approvati mill-awtoritajiet nazzjonali għall-kontroll tas-SALW rilevanti, filwaqt li wrew ix-xiri furzat u l-impenn tagħhom fil-kisba tar-riżultati tal-proġett.

Il-popolazzjoni ġenerali tal-pajjiżi fis-SEE u fl-Unjoni, fir-riskju tal-proliferazzjoni mifruxa tas-SALW, ser tibbenefika indirettament minn dan il-proġett mat-tnaqqis tar-riskju.

5. **Viżibbiltà tal-Unjoni**

Is-SEESAC għandu jieħu l-miżuri kollha adatti biex jirreklama l-fatt li l-azzjoni tkun ġiet iffinanzjata mill-Unjoni. Tali miżuri ser jitwettqu f'konformità mal-Manwal tal-Kummissjoni għall-Komunikazzjonijiet u l-Viżibbiltà tal-Azzjonijiet Esterni tal-Unjoni Ewropea, stabbilit u ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea. B'dan il-mod, is-SEESAC ser tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea permezz ta' branding u pubbliċità adatti, li jenfasizzaw ir-rwol tal-Unjoni, jiżguraw it-trasparenza tal-azzjonijiet tagħha u s-sensibilizzazzjoni tar-raġunijiet għad-Deċiżjoni kif ukoll l-appoġġ tal-Unjoni għad-Deċiżjoni u r-riżultati ta' dan l-appoġġ. Il-materjal prodott bil-proġett ser juri b'mod prominenti l-bandiera tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-linji gwida tal-Unjoni għall-użu u r-riproduzzjoni preċiżi tal-bandiera.

Minħabba li l-attivitajiet ippjanati jvarjaw ħafna fl-ambitu u l-karattru, ser tintuża firxa ta' għodod promozzjonali, inklużi: il-mezzi ta' komunikazzjoni tradizzjonali; is-siti elettroniċi; il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali; u materjal informattiv u promozzjonali inklużi l-infografika, fuljetti, bullettini, stqarrijiet għall-istampa u oħrajn kif adattat. Pubblikazzjonijiet, avvenimenti pubbliċi, kampanji, tagħmir u xogħlijiet ta' kostruzzjoni akkwistati taħt il-proġett ser jiġu mmarkati kif xieraq. Biex jiġi amplifikat aktar l-impatt permezz tas-sensibilizzazzjoni fost diversi gvernijiet nazzjonali u l-pubbliku, il-komunità internazzjonali u l-mezzi tal-komunikazzjoni lokali u internazzjonali, kull wieħed mill-gruppi fil-mira tal-proġett ser jiġi indirizzat permezz tal-lingwa adatta. Ser issir enfasi partikolari fuq media ġdida u l-preżenza online.

6. **Tul ta' żmien**

Abbażi tal-esperjenza tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK, u b'kont meħud tal-ambitu reġjonali tal-proġett, l-għadd ta' benefiċjarji u l-għadd u l-kumplessità tal-attivitajiet ippjanati, il-perijodu ta' żmien għall-implimentazzjoni huwa 36 xahar.

7. **Struttura ġenerali**

L-implimentazzjoni teknika ta' din l-azzjoni ġiet fdata lill-UNDP, li jaġixxi f'isem is-SEESAC, bl-inizjattiva reġjonali taħdem taħt il-mandat tal-UNDP u tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Reġjonali, suċċessur għall-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk tal-Ewropa. Is-SEESAC huwa l-fergħa eżekuttiva tal-Pjan ta' Implimentazzjoni Reġjonali tax-Xlokk tal-Ewropa dwar il-Ġlieda Kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi Żgħar u Ħfief (SALW) u, bħala tali, jaġixxi bħala l-punt fokali għall-kwistjonijiet kollha relatati mas-SALW fir-reġjun tax-Xlokk tal-Ewropa.

L-UNDP, li jaġixxi f'isem is-SEESAC, ser ikollu r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġett u l-kontabbiltà għall-implimentazzjoni tal-proġett. It-tul ta' żmien tal-proġett huwa tliet snin (36 xahar).

8. **Sħab**

Is-SEESAC ser jimplimenta direttament l-azzjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-kummissjonijiet tas-SALW kif ukoll mal-ministeri għall-intern tal-Albanija, il-BiH, Kosovo, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja u FYROM. Istituzzjonijiet rilevanti oħra ser ikunu involuti mill-qrib, b'mod partikolari taħt l-attivitajiet 3.4, f'konformità mal-approċċ olistiku b'diversi partijiet interessati stabbilit għall-kontroll tas-SALW.

9. **Rapportar**

Ir-rapportar, kemm narrattiv kif ukoll finanzjarju, għandu jkopri l-azzjoni kollha deskritta fil-ftehim speċifiku għall-kontribut rilevanti u huwa mehmuż mal-baġit, irrispettivament minn jekk din l-azzjoni hijiex kompletament iffinanzjata jew kofinanzjata mill-Kummissjoni.

Kull tliet xhur, rapporti narrattivi ta' progress għandhom jiġu ppreżentati biex iżommu rekord u monitoraġġ tal-progress lejn it-twettiq tar-riżultati ewlenin.

10. **Baġit stmat**

L-ispiża totali stmata tal-proġett iffinanzjat mill-Unjoni hija ta' EUR 6 508 136.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2357**

**tad-19 ta' Diċembru 2016**

**dwar in-nuqqas ta' konformità effettiva mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċertifikati maħruġin mill-akkademja Ellenika tat-taħriġ fil-qasam tal-avjazzjoni msejħa "Hellenic Aviation Training Academy" (HATA) u ma' liċenzji tal-Parti-66 maħruġin abbażi ta' dawn iċ-ċertifikati**

*(notifikata bid-dokument C(2016) 8645)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru,

Billi:

(1) Fi Frar tal-2014, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") wettqet spezzjoni ta' standardizzazzjoni tal-ajrunavigabbiltà (bir-referenza AIR.EL.02.2014) fuq l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Ellenika (l-HCAA). Matul dik l-ispezzjoni, ġie identifikat nuqqas ta' konformità li jqajjem tħassib dwar is-sikurezza jekk ma jiġix korrett malajr (sejba tal-kategorija D), skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 628/2013 ([2]) dwar metodi ta' operat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni u għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-regoli fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill.

(2) In-nuqqas ta' konformità kellu x'jaqsam ma' allegat frodi waqt eżamijiet li saru fil-bini tal-organizzazzjoni tat-taħriġ dwar il-manutenzjoni tal-Parti-147 imsejħa "Hellenic Aviation Training Academy" (l-Akkademja Ellenika tat-taħriġ fil-qasam tal-avjazzjoni, fil-qosor l-HATA), li kellha n-numru tal-approvazzjoni EL.147.0007. Tqajjem tħassib dwar is-sikurezza minħabba li l-persunal li jiċċertifika l-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru seta' kiseb liċenzja tal-Parti-66 abbażi ta' Ċertifikati ta' Rikonoxximent maħruġin mill-HATA skont l-Anness III (il-Parti-66) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 ([3]) abbażi ta' attivitajiet allegatament frodulenti, u minħabba li dan jista' jkun li qed jeżerċita l-privileġġi u jirrilaxxa l-inġenji tal-ajru wara l-manutenzjoni mingħajr ma għandu l-għarfien bażiku meħtieġ dwarhom.

(3) Fis-26 ta' Frar 2014, l-HCAA kkanċellat l-approvazzjoni tal-HATA u avżat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li jista' jkun li l-HATA ħarġet Ċertifikati foloz ta' Rikonoxximent.

(4) Fit-3 ta' Lulju 2014, l-Aġenzija u l-HCAA qablu dwar pjan ta' azzjoni korrettiva li kien jinkludi, fost l-oħrajn, investigazzjonijiet dwar iċ-Ċertifikati ta' Rikonoxximent li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri użaw biex joħorġu liċenzji tal-Parti-66 u dwar Ċertifikati ta' Rikonoxximent li kien għadhom ma ntużawx biex jinkisbu liċenzji tal-Parti-66.

(5) Fid-9 ta' Diċembru 2014, l-Aġenzija ħarġet Bullettin tal-Informazzjoni dwar is-Sikurezza (SIB) bin-numru 2014-32, li fih avżat dwar it-tħassib potenzjali dwar is-sikurezza marbut mal-allegat frodi waqt l-eżamijiet li saru fil-bini tal-HATA u rrakkomandat miżuri konkreti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni.

(6) F'April tal-2016, l-Aġenzija wettqet spezzjoni oħra ta' standardizzazzjoni fuq l-HCAA. Matul din l-ispezzjoni, l-Aġenzija rrevediet il-pjan ta' azzjoni korrettiva miftiehem u kkonkludiet li l-HCCA ma kenitx kapaċi timplimenta l-azzjonijiet miftiehma b'mod adegwat qabel id-dati tal-għeluq miftiehma. Għalhekk, f'Mejju tal-2016, l-Aġenzija ħarġet rapport supplimentari lill-HCCA skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 628/2013.

([1]) ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 628/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 dwar metodi ta' operat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni u għal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-regoli fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 46).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1).

(7) Minħabba li l-HCCA ma wettqitx biżżejjed investigazzjonijiet dwar l-HATA biex tinduna bl-allegat frodi li wettqet din l-organizzazzjoni, u ma investigatx bis-sħiħ il-liċenzji tal-Parti-66 li nħarġu abbażi taċ-Ċertifikati ta' Rikonoxximent li ħarġet l-HATA, għad hemm tħassib potenzjali dwar is-sikurezza. Hemm tħassib marbut maċ-Ċertifikati ta' Rikonoxximent li l-HATA ħarġet għall-eżamijiet tal-għarfien bażiku dwar il-moduli tekniċi (il-moduli 7, 11, 12, 13, 14, 15, 16 u 17).

(8) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, l-Aġenzija talbet lill-Kummissjoni tiżgura li l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 ma jibqax japplika għaċ-Ċertifikati ta' Rikonoxximent għall-eżamijiet tal-għarfien bażiku dwar il-moduli tekniċi maħruġin mill-HATA u għal-liċenzji tal-Parti-66 maħruġin mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri abbażi ta' dawn iċ-Ċertifikati ta' Rikonoxximent. Barra minn hekk, l-Aġenzija kienet tal-fehma li dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom jintalbu jieħdu l-azzjonijiet korrettivi u l-miżuri ta' salvagwardja x-xierqa sabiex jindirizzaw ir-riskji tas-sikurezza.

(9) B'konformità mal-analiżi stabbilita mill-Aġenzija, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sitwazzjoni turi nuqqas sistemiku fil-ħidmiet u fir-responsabbiltajiet tal-HCAA marbutin mas-sorveljanza tas-sikurezza, li jimplika li ċ-Ċertifikati ta' Rikonoxximent li ħarġet l-HATA ma għandhomx garanziji suffiċjenti marbutin magħhom. Għalhekk jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jieħdu azzjoni korrettiva li tiżgura l-livell meħtieġ ta' sikurezza f'dawn iċ-ċirkustanzi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Nuqqas ta' konformità effettiva**

Dawn li ġejjin ma jikkonformawx b'mod effettiv mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu:

1. iċ-Ċertifikati ta' Rikonoxximent għall-eżamijiet tal-għarfien bażiku dwar il-moduli tekniċi maħruġin mill-akkademja Ellenika tat-taħriġ fil-qasam tal-avjazzjoni msejħa "Hellenic Aviation Training Academy" (HATA) skont il-punt 147.A.145(a)(4) u l-Appendiċi III tal-Anness IV (il-Parti-147) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, li applikant jibgħat bħala dokumentazzjoni ta' appoġġ biex l-awtoritajiet kompetenti joħorġulu liċenzja tal-Parti-66 skont il-punt 66.B.100 tal-Anness III (il-Parti-66) ta' dan ir-Regolament; u

2. l-liċenzji tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru tal-Parti-66 maħruġin mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Anness III (il-Parti-66) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 abbażi taċ-Ċertifikati ta' Rikonoxximent għall-eżamijiet tal-għarfien bażiku dwar il-moduli tekniċi maħruġin mill-HATA skont il-punt 147.A.145(a)(4) u l-Appendiċi III tal-Anness IV (il-Parti-147) ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Azzjonijiet korrettivi**

1. Fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet kompetenti li ħarġu l-liċenzji tal-Parti-66 abbażi ta' Ċertifikati ta' Rikonoxximent għall-eżamijiet tal-għarfien bażiku dwar il-moduli tekniċi maħruġin mill-HATA għandhom jivvalutaw mill-ġdid kull liċenzja tal-Parti-66 ikkonċernata, filwaqt li, mingħajr preġudizzju għal din id-Deċiżjoni, iqisu r-rakkomandazzjonijiet mogħtija fil-Bullettin tal-Informazzjoni dwar is-Sikurezza (SIB) tal-EASA bin-numru 2014-32, li din l-Aġenżija ħarġet fid-9 ta' Diċembru 2014 wara l-aħħar reviżjoni tagħha.

2. Wara li jlestu din il-valutazzjoni mill-ġdid, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jillimitaw, jissospendu jew jikkanċellaw il-liċenzja tal-Parti-66 skont il-punt 66.B.500 tal-Anness III (il-Parti-66), fejn dan ikun iġġustifikat fid-dawl tal-Artikolu 1; u

(b) fi kwalunkwe każ jibagħtu r-riżultati tal-valutazzjoni mill-ġdid lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija.

*Artikolu 3*

**Destinatarji u pubblikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Hija għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*
Violeta BULC
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2358

**tal-20 ta' Diċembru 2016**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi u territorji terzi li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji tagħhom jitqiesu bħala ekwivalenti għall-finijiet tat-trattament ta' skoperturi skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 107(4), 114(7), 115(4), 116(5) u 142(2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE ([2]) tistabbilixxi listi ta' pajjiżi u territorji terzi li l-arranġamenti superviżorji u regolatorji tagħhom jitqiesu bħala ekwivalenti għall-arranġamenti superviżorji u regolatorji korrispondenti applikati fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(2) Il-Kummissjoni wettqet valutazzjonijiet ulterjuri tal-arranġamenti superviżorji u regolatorji applikabbli għal istituzzjonijiet ta' kreditu f'pajjiżi u territorji terzi. Dawn il-valutazzjonijiet ippermettew lill-Kummissjoni tevalwa l-ekwivalenza ta' dawn l-arranġamenti sabiex jiġi ddeterminat it-trattament tal-kategoriji relevanti ta' skoperturi msemmija fl-Artikoli 107, 114, 115, 116 u 142 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(3) L-ekwivalenza ġiet iddeterminata permezz ta' analiżi bbażata fuq ir-riżultati tal-arranġamenti regolatorji u ta' superviżjoni tal-pajjiż terz li tittestja l-kapaċità tagħhom li jiksbu l-istess objettivi ġenerali bħall-arranġamenti superviżorji u regolatorji tal-Unjoni. L-objettivi jirreferu, b'mod partikolari, għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja kemm domestika kif ukoll globali fl-intier tagħha; l-effikaċja u l-adegwatezza tal-protezzjoni tad-depożitanti u konsumaturi oħrajn tas-servizzi finanzjarji; il-koperazzjoni bejn atturi differenti tas-sistema finanzjarja, inklużi regolaturi u superviżuri; l-indipendenza u l-effikaċja tas-superviżjoni; u l-implimentazzjoni effettiva u l-infurzar ta' standards rilevanti miftiehma internazzjonalment. Sabiex jintlaħqu l-istess objettivi ġenerali tal-arranġamenti superviżorji u regolatorji tal-Unjoni, l-arranġamenti superviżorji u regolatorji tal-pajjiż terz għandhom jikkonformaw ma' sensiela ta' standards operazzjonali, organizzazzjonali u superviżorji, li jirriflettu l-elementi essenzjali tar-rekwiżiti superviżorji u regolatorji tal-Unjoni applikabbli għal kategoriji rilevanti ta' istituzzjonijiet finanzjarji.

(4) Fil-valutazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat l-iżviluppi rilevanti fil-qafas superviżorji u regolatorju mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/230 ([3]) 'l quddiem u qieset sorsi ta' informazzjoni disponibbli, inklużi l-valutazzjonijiet indipendenti mwettqa mill-Awtorità Bankarja Ewropea fuq New Zealand u t-Turkija, kif ukoll l-informazzjoni pprovduta mid-Danimarka rigward il-Gżejjer Faeroe u Greenland.

(5) Il-Kummissjoni kkonkludiet li t-Turkija, New Zealand, il-Gżejjer Faeroe u Greenland għandhom fis-seħħ arranġamenti superviżorji u regolatorji li jikkonformaw ma' sensiela ta' standards operattivi, organizzattivi u superviżorji, li jirriflettu l-elementi essenzjali tal-arranġamenti superviżorji u regolatorji tal-Unjoni applikabbli għal istituzzjonijiet ta' kreditu. Għalhekk, huwa xieraq li s-sistemi ta' rekwiżiti superviżorji u regolatorji applikati għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jinsabu f'dawn il-pajjiżi u territorji terzi jiġu kkunsidrati bħala mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni għall-finijiet tal-Artikoli 107(4), 114(7), 115(4), 116(5) u l-Artikolu 142(1)(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/908/UE tat-12 ta' Diċembru 2014 dwar l-ekwivalenza ta' rekwiżiti superviżorji u regolatorji ta' ċerti pajjiżi u territorji terzi għall-finijiet tat-trattament ta' skoperturi skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 155).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/230 tas-17 ta' Frar 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi u territorji terzi li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji tagħhom jitqiesu bħala ekwivalenti għall-finijiet tat-trattament ta' skoperturi skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 41, 18.2.2016, p. 23)

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE għandha għalhekk tiġi emendata biex jiġu inklużi dawk il-pajjiżi u territorji terzi fil-lista adatta ta' pajjiżi u territorji terzi li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji tagħhom jitqiesu bħala ekwivalenti għall-iskema tal-Unjoni għall-finijiet tat-trattament ta' skoperturi skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(7) Il-lista tal-pajjiżi u territorji terzi li jitqiesu bħala ekwivalenti għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni mhijiex definittiva. Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Awtorità Bankarja Ewropea, se tkompli tagħmel monitoraġġ fuq bażi regolari tal-evoluzzjoni tal-arranġamenti superviżorji u regolatorji ta' pajjiżi u territorji terzi bil-għan li taġġorna, kif xieraq u mill-inqas kull ħames (5) snin, il-lista ta' pajjiżi u territorji terzi stipulati f'din id-Deċiżjoni fid-dawl, b'mod partikolari, tal-iżviluppi kostanti fl-arranġamenti superviżorji u regolatorji, fl-Unjoni u fil-livell globali, u b'kunsiderazzjoni għas-sorsi ġodda disponibbli ta' informazzjoni rilevanti.

(8) Ir-rieżami regolari tar-rekwiżiti prudenzjali u superviżorji applikabbli fil-pajjiżi u territorji terzi elenkati fl-Annessi għandu jkun mingħajr ħsara għall-possibbiltà li l-Kummissjoni twettaq fi kwalunkwe ħin, lil hinn mill-qafas tar-rieżami ġenerali, rieżami speċifiku relatat ma' pajjiż jew territorju terz individwali, meta l-iżviluppi rilevanti jagħmluha neċessarja għall-Kummissjoni li tivvaluta mill-ġdid ir-rikonoxximent mogħti minn din id-Deċiżjoni. Valutazzjoni mill-ġdid bħal din tista' twassal għall-irtirar tar-rikonoxximent tal-ekwivalenza.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Banek Ewropej.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Anness I jinbidel bit-test mogħti fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(2) L-Anness IV jinbidel bit-test li jinsab fl-Anness II ma' din id-Deċiżjoni;

(3) L-Anness V jinbidel bit-test li jinsab fl-Anness III ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

*"ANNESS I*

**Lista ta' pajjiżi u territorji terzi għall-finijiet tal-Artikolu 1 (istituzzjonijiet ta' kreditu)**

(1) L-Awstralja

(2) Il-Brażil

(3) Il-Kanada

(4) Iċ-Ċina

(5) Il-Gżejjer Faeroe

(6) Greenland

(7) Guernsey

(8) Ħong Kong

(9) L-Indja

(10) Isle of Man

(11) Il-Ġappun

(12) Jersey

(13) Il-Messiku

(14) Monaco

(15) New Zealand

(16) L-Arabja Sawdija

(17) Singapore

(18) L-Afrika t'Isfel

(19) L-Iżvizzera

(20) It-Turkija

(21) L-Istati Uniti"

*ANNESS II*

*"ANNESS IV*

**Lista ta' pajjiżi u territorji terzi għall-finijiet tal-Artikolu 4 (istituzzjonijiet ta' kreditu)**

(1) L-Awstralja

(2) Il-Brażil

(3) Il-Kanada

(4) Iċ-Ċina

(5) Il-Gżejjer Faeroe

(6) Greenland

(7) Guernsey

(8) Ħong Kong

(9) L-Indja

(10) Isle of Man

(11) Il-Ġappun

(12) Jersey

(13) Il-Messiku

(14) Monaco

(15) New Zealand

(16) L-Arabja Sawdija

(17) Singapore

(18) L-Afrika t'Isfel

(19) L-Iżvizzera

(20) It-Turkija

(21) L-Istati Uniti"

*ANNESS III*

*"ANNESS V*

**Lista ta' pajjiżi u territorji terzi għall-finijiet tal-Artikolu 5 (istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment)**

Istituzzjonijiet ta' kreditu:

(1) L-Awstralja

(2) Il-Brażil

(3) Il-Kanada

(4) Iċ-Ċina

(5) Il-Gżejjer Faeroe

(6) Greenland

(7) Guernsey

(8) Ħong Kong

(9) L-Indja

(10) L-Isle of Man

(11) Il-Ġappun

(12) Jersey

(13) Il-Messiku

(14) Monaco

(15) New Zealand

(16) L-Arabja Sawdija

(17) Singapore

(18) L-Afrika t'Isfel

(19) L-Iżvizzera

(20) It-Turkija

(21) L-Istati Uniti tal-Amerka

Ditti ta' Investiment:

(1) L-Awstralja

(2) Il-Brażil

(3) Il-Kanada

(4) Iċ-Ċina

(5) Ħong Kong

(6) L-Indoneżja

(7) Il-Ġappun (limitati għall-Operaturi tan-Negozju fi Strumenti Finanzjarji tat-Tip I)

(8) Il-Messiku

(9) Il-Korea t'Isfel

(10) L-Arabja Sawdija

(11) Singapore

(12) L-Afrika t'Isfel

(13) L-Istati Uniti tal-Amerka"

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2359

## tal-20 ta' Diċembru 2016

## li tiddetermina li s-sospensjoni temporanja tad-dazju doganali preferenzjali stabbilita skont il-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, mhix xierqa għall-importazzjonijiet tal-banana li toriġina min-Nikaragwa għas-sena 2016

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 20/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana ġie introdott bil-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, li provviżorjament beda japplika fil-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali matul l-2013, fin-Nikaragwa, fl-1 ta' Awwissu 2013.

(2) Skont dan il-mekkaniżmu, u skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 20/2013, ġaladarba jinqabeż volum ta' skattar definit għall-importazzjonijiet ta' banana friska (intestatura 0803 90 10 tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Jannar 2012) minn wieħed mill-pajjiżi konċernati, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jista' jissospendi temporanjament id-dazju doganali preferenzjali applikat fuq l-importazzjonijiet tal-banana friska għal dak il-pajjiż jew li jiddetermina li tali sospensjoni mhix xierqa.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tittieħed skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.

(4) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni Ewropea ta' banana friska li joriġinaw fin-Nikaragwa qabżu l-limitu ta' 13 000 tunnellata metrika definit mill-Ftehim imsemmi hawn fuq fil-31 ta' Ottubru 2016.

(5) F'dan il-kuntest, skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) Nru 20/2013, il-Kummissjoni qieset l-impatt tal-importazzjonijiet ikkonċernati fuq il-qagħda tas-suq tal-banana tal-Unjoni sabiex tiddeċiedi jekk id-dazju doganali preferenzjali għandux jiġi sospiż. Għal dan l-għan il-Kummissjoni eżaminat l-effett tal-importazzjonijiet ikkonċernati fuq il-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni, l-iżvilupp tal-importazzjonijiet minn sorsi oħra u l-istabbiltà ġenerali tas-suq tal-banana friska tal-Unjoni.

(6) L-importazzjonijiet ta' banana friska min-Nikaragwa rrappreżentaw 0,6 % tal-importazzjonijiet totali fl-Unjoni Ewropea ta' banana friska suġġetti għall-mekkaniżmu tal-istabbilizzazzjoni tal-banana meta dawn qabżu l-livell limitu tagħhom għall-2016. Barra minn dan, fuq il-bażi tal-perjodu Jannar — Awwissu 2016, in-Nikaragwa tirrappreżenta 0,36 % tal-importazzjonijiet totali ta' banana friska fl-Unjoni Ewropea. Ibbażati fuq projezzjoni tal-importazzjonijiet sal-aħħar tal-2016 u b'mod li jittieħed inkunsiderazzjoni l-iżvilupp tal-importazzjonijiet ta' kull xahar s'issa fl-2016, huwa improbabbli li l-importazzjonijiet tal-banana min-Nikaragwa jaqbżu l-1 % tal-importazzjonijiet totali għas-sena 2016 shiħa. Is-sehem tal-livell annwali tal-importazzjonijiet min-Nikaragwa se jkun konformi ma' dak tal-2015.

(7) Il-prezz tal-importazzjonijiet min-Nikaragwa kien bħala medja EUR 530 tunnellata għall-ewwel tmien xhur tal-2016, li huwa 17 % irħas mill-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet totali tal-banana friska fl-UE.

(8) L-importazzjonijiet ta' banana friska minn pajjiżi esportaturi kbar tradizzjonali oħra li magħhom l-UE wkoll għandha Ftehim ta' Kummerċ Ħieles, b'mod notevoli l-Kolombja, il-Costa Rica u l-Panama, baqgħu sa Ottubru 2016 fil-biċċa l-kbira taħt il-livelli limitu definiti għalihom fil-mekkaniżmi ta' stabbilizzazzjoni komparabbli,

([1]) ĠU L 17, 19.1.2013, p. 13.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

u dawn segwew tendenzi u valuri tal-unitajiet simili għal dawk tal-aħħar erba' snin. Pereżempju l-livell ta' importazzjonijiet mill-Kolombja u mill-Costa Rica kienu rispettivament 720 000 elf tunnellata u 407 000 telef tunnellata taħt il-limiti definiti tagħhom f'Ottubru 2016, li huwa konsiderevolment ogħla mil-livell tal-iskattar totali għan-Nikaragwa għal sena sħiħa (13 000-il elf tunnellata).

(9) Il-prezz bl-ingrossa medju tal-banana fis-suq tal-Unjoni fl-aħħar ta' Ottubru 2016 (EUR 984/tunnellata) ma rreġistrax tibdil notevoli kkumparat mal-prezzijiet bl-ingrossa medji tal-banana safra għax-xhur ta' qabel.

(10) Għaldaqstant la hemm indikazzjoni li l-istabbiltà tas-suq tal-Unjoni kienet effettwata mill-importazzjonijiet ta' banana friska min-Nikaragwa li jeċċedu l-volum ta' importazzjoni ta' skattar annwali definit, u lanqas li dan kellu xi impatt sinifikanti fuq is-sitwazzjoni tal-produtturi tal-UE.

(11) Fl-aħħar nett, ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' theddida ta' deterjorament serju jew deterjorament serju għall-produtturi fir-reġjuni periferiċi tal-UE f'Ottubru 2016.

(12) Abbażi tal-eżaminazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sospensjoni tad-dazji doganali preferenzjali fuq l-importazzjoni tal-banana li toriġina min-Nikaragwa mhix xierqa,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-sospensjoni temporanja tad-dazji doganali preferenzjali fuq l-importazzjonijiet tal-banana friska kklassifikata taħt l-intestatura 0803 90 10 tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea u li toriġina min-Nikaragwa mhijiex xierqa matul is-sena 2016.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT